# FIL-QORTI ĊIVILI – PRIM AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum l-Erbgħa, 15 ta' Jannar 2025

Fl-atti tar-rikors għall-ħruġ ta` **Mandat ta` Inibizzjoni Numru 2145/2024ISB** fl-ismijiet :

**AM Asia M 14 Limited, kif rappreżentata mill-mandatarju speċjali l-Av. Joseph Camilleri**

VS

**(1) North by NorthWest GmbH c/o Dr Adrian Camilleri, Ganado Advocates, 171, Triq l-Ifran, Valletta;**

**(2) MS "MSC Valencia" Shiffahrtsgesellschaft mBH, c/o Dr Abigail Bugeja, 53, Old Theatre Street, Valletta**

**(3) MS "Malta II" Schiffahrts GmbH & Co KG, c/o Dr Adrian Camilleri, Ganado Advocates, 171, triq l-Ifran, Valletta**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors** preżentat minn **AM Asia M 14 Limited** fis-27 ta' Diċembru 2024, fejn ir-rikorrent noe, sabiex jikkawtela d-drittijiet tiegħu, talab lil din il-Qorti sabiex iżżomm lill-intimati:

> ***Milli jipproċedu bil-bejgħ privat tal-bastiment MSC Valencia (IMO 9301471), (il-"Bastiment") wara d-digriet tal-Prim Awla tal-Qorti Ċivili tas-27 ta' Diċembru, 2024 sakemm jiġu deċiżi l-proċeduri Kostituzzjonali fl-ismijiet Dr Nicholas Valenzia nomine (3181M) bħala mandatarju speċjali għall-iskopijiet ta' dawn il-proċeduri tal-kumpanija AM Asia M14 Limited v L-Avukat tal-Istat et (numru 553/2024 MH) u milli jagħmlu kwalunkwe' att li jikkonduċi għall-istess bejgħ***

u dan għar-raġunijiet u l-premessi magħmula, ċioe`:

***Bażi fattwali:***

1. *Ir-rikorrenti hija s-sid tal-bastiment MSC Valencia (IMO 9301471) ("il-Bastiment"). Wara s-sentenza fil-kawża North by Northwest GmbH ("NBNW") vs il-Bastiment MSC Valencia (1 ta' Diċembru 2023 Prim Awla tal-Qorti Ċivili numru ta' referenza 1268/2023 MH ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell fit-3 ta' Ottubru 2024 numru ta' referenza 1268/2023/1) ("is-Sentenza Eżekuttiva" annessa bħala Dok A), NBNW talbet lill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili biex tapprova l-bejgħ privat tal-Bastiment minn NBNW lil MS "Malta II' Schiffahrts GmbH & Co. KG (rik Nru 1258/2024 HM1) skont l-artikoli 358 et seq tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta għall-prezz ta' Eur 28,819,805.*

2. *Ta' min jinnota li s-Sentenza Eżekuttiva hawn fuq kienet ibbażata fuq dritt "in rem" kontra l-bastiment skont l-artikoli 742B u D tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u b'mod partikolari, ibbażata fuq id-dritt li attur jista' jarresta u jitlob il-bejgħ ta' bastiment jekk fiż-żmien meta nħolqot il-kawża għall-azzjoni u meta l-arrest kien inġieb, il-persuni responsabbli għall-ħlas tad-dejn kienu (fost l-oħrajn) in-noleġġatur taħt bareboat charter tal-bastiment.*

3. *MS '"MSC Valencia" Schiffahrtsgessellschaft mbH (il-"Bareboat Charterer") miż-żmien meta nħolqot il-kawża sal-ħruġ tal-mandat tal-arrest, sostnew u ppreżentaw ruħhom fil-proċeduri kollha quddiem il-qrati Maltin bħala l-Bareboat Charterers tal-Bastiment, iżda fil-proċedura li wasslu għas-Sentenza*

*Eżekuttiva, kif ukoll f'diversi proċeduri oħra miftuħa minn kredituri oħra, il-Bareboat Charterers użaw din ir-rappreżentanza biex, minflok iddefendew l-interessi tal-Bastiment, għaddew biex effettivament ammettew it-talbiet tal-kredituri miġjuba kontra l-bastiment ta' proprjeta tas-Sidien, u dan minkejja li kienu jirreferu għal djun illi – konvenjentement –inkorrew l-istess Bareboat Charterers.*

4. *B'rikors tal-5 ta' Diċembru, 2024, ir-rikorrenti intavolat l-proċeduri l-ismijiet fuq ċitati (il-"Proċeduri Kostituzzjonali") illi bihom qed issostni illi d-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (358 et seq) li jippermettu tali bejgħ approvat mill-qorti jew bejgħ ġudizzjarju b'irkant skont id-dejn kuntrat-tat/proprjetà ta' bareboat charterer jiksru t-termini tal-Artikolu 1 tal-Protokoll Nru 1 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem peress li es-senzjalment iċaħħdu lir-rikorrenti mill-possedimenti u l-proprjetà tiegħu u jiġifi-eri d-dritt tiegħu għas-sjieda tal- Bastiment.*

5. *Illi l-argumenti li fuqhom hija msejsa din it-talba jinsabu spjegati fir-rikors pro-motur, li kopja tiegħu hija hawn annessa bħala Dokument B. Essenzjalment pero jistgħu jinġabru kif spjegat fil-paragrafi li ġejjin.*

6. *Ir-rikorrenti jissottometti illi l-konfiska u l-bejgħ ta' proprjetà/possedimenti wara azzjoni ċivili in rem ġieli tqieset leġittima madankollu speċifikament fil-kuntest ta' suspettata attività kriminali. Il- Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem qie-set li huwa validu li l-awtoritajiet joħorġu ordnijiet ta' konfiska bbażati fuq am-mont sinifikanti ta' evidenza li tissuġġerixxi li d-dħul legali tal-intimati ma kienx biżżejjed biex jakkwistaw il-proprjetà.*

7. *Barra minn hekk, il- Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem osservat fil-kawża Gogitidze et v. Georgia, § 105, li jista' jingħad li jeżistu standards legali komuni Ewropej u anke universali li jinkoraġġixxu, l-ewwel nett, il-konfiska ta' proprjetà marbuta ma' reati kriminali serji bħal korruzzjoni, ħasil ta' flus, reati ta' droga u l-bqija, mingħajr l-eżistenza minn qabel ta' kundanna kriminali. It-tieni nett, l-oneru li tiġi ppruvata l-oriġini legali tal-proprjetà preżunta li ġiet akkwistata b'mod illeċitu jista' leġittimament jiġi ttrasferit fuq l-intimati f'tali proċeduri mhux kriminali għal konfiska, inklużi proċeduri ċivili in rem. It-tielet, il-miżuri ta' kon-fiska jistgħu jiġu applikati, mhux biss għar-rikavat dirett mill-kriminalità iżda wkoll għall-proprjetà, inkluż kwalunkwe dħul u benefiċċji indiretti oħra, mik-suba bil-konverżjoni jew it-trasformazzjoni tar-rikavat dirett mill-kriminalità jew*

*it-taħlit tagħhom ma' assi, possibilment legali, oħra. Fl-aħħar nett, jistgħu jiġu applikati miżuri ta' konfiska, mhux biss għal persuni suspettati direttament b'reati kriminali, iżda wkoll għal kwalunkwe terzi bi drittijiet ta' proprjetà mingħajr il-bona fide meħtieġa bil-għan li jaħbu l-irwol illeċitu tagħhom fil-ġbir tal-ġid inkwistjoni1. Il-kuntest tal-attività kriminali huwa ċar. Kif diġa' intqal, m'hemm l-ebda suspett ta' attività kriminali f'dan il-każ*

8. *Biex jitqies kompatibbli mal-Artikolu 1 tal-Protokoll Nru 1, l-indħil għandu jissodisfa ċerti kriterji: għandu jikkonforma mal-prinċipju ta' legalità u jsegwi għan leġittimu b'mezzi raġonevolment proporzjonati mal-għan li jrid jintlaħaq.*

9. *Il-miżuri inkwistjoni jidhru li jew jaqgħu taħt il-prinċipju ġenerali tat-tgawdija tal-proprjetà u/jew il-privazzjoni tal-proprjetà. Fi kwalunkwe każ il-liġi tippresupponi tliet kundizzjonijiet: il-miżura li tipprovdi għall-privazzjoni għandha tkun skont il-kundizzjonijiet previsti mil-liġi nazzjonali; il-prinċipji ġenerali tad-dritt internazzjonali għandhom jiġu rispettati; il-privazzjoni trid tkun fl-interess pubbliku (dan jeħtieġ bilanċ bejn l-interess pubbliku u d-drittijiet individwali). Minħabba ċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, qatt ma jista' jiġi argumentat li l-privazzjoni saret fl-interess pubbliku. Ir-rikorrenti tippreċiża li l-miżuri inkwistjoni ifallu mit-test tal-proporzjonalità peress li huma eċċessivi u joħolqu piż fuq ir-rikorrenti b'mod sproporzjonat.*

10. *L-obbligu tar-rispett tad-dritt tal-proprjetà taħt l-Artikolu 1 tal-Protokoll Nru 1 jinkorpora wkoll obbligi pożittivi li għandhom effett orizzontali fir-relazzjonijiet bejn individwi privati jew bareboat charterers bħal f'dan il-każ. Bis-saħħa tal-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni, kull Parti Kontraenti "shall secure to everyone within [its] jurisdiction the rights and freedoms defined in [the] Convention". It-twettiq ta' dan id-dmir ġenerali jista' jinvolvi obbligi pożittivi inerenti biex jiġi żgurat l-eżerċizzju effettiv tad-drittijiet garantiti mill-Konvenzjoni. Fil-kuntest tal-Artikolu 1 tal-Protokoll Nru 1, dawk l-obbligi pożittivi jistgħu jeħtieġu li l-Istat jieħu l-miżuri meħtieġa biex jipproteġi d-dritt tal-proprjetà (Broniowski v. Poland [GC], § 143; Sovtransavto Holding v. Ukraine, § 96; Keegan v. Ireland, § 49; Kroon and Others v. the Netherlands, § 31;Ririšić and Others v. Bosnia and Herzegovina, Croatia, Serbia, Slovenia and the Former Yugoslav Republic of Macedonia [GC], § 100; Likvidējamā p/s Selga and Vasiļevska v. Latvia (dec.), §§ 94-113).*

[1] Ibid para. 383

11. *Ir-rikorrenti hija tal-fehma ulterjuri, mingħajr preġudizzju għall-fehma espressa fil-paragrafi preċedenti, li kull ordni għall-bejgħ tal-Bastiment għalhekk tingħata bi ksur tat-termini tal-Artikolu 1 tal-Protokoll 1 tal- Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem għaliex tali ordni essenzjalment iċċaħħad lir-rikorrenti mill-possedimenti u l-proprjetà tiegħu u jiġifieri d-dritt tiegħu għas-sjieda tal-Bastiment.*

12. *Huwa stabbilit b'mod ċar li d-dritt li jitneħħa sid leġittimu mill-proprjetà tiegħu fuq il-bażi tal-eżerċizzju ta' ġurisdizzjoni/dritt "in rem" huwa limitat għal każijiet fejn tali tneħħija hija (i) proporzjonata u (ii) meħtieġa fl-interess pubbliku sabiex jiġu infurzati miżuri punittivi minn Stat u mhux minn interessi privati.*

13. *Ir-rikorrenti mhijiex tesprimi fehma f'dan ir-rikors dwar jekk kreditur għandux ikollu dritt li jarresta bastiment li huwa proprjetà ta' terza persuna sakemm it-talba ta' dan il-kreditur tiġi solvuta b'mod korrett, madankollu, kwalunkwe miżura li tippermetti d-dispussess u l-bejgħ ta' tali assi f'ċirkustanzi bħal dawk preżenti huwa sproporzjonat u jolqot id-dritt tar-rikorrenti li ma tiġix mċaħħda minn din il-proprjetà.*

***F'dan il-każ:***

14. *Huwa sottomess illi fiċ-ċirkustanzi tal-każ odjern, il-proċedura tal-bejgħ privat tal-bastiment jilledi l-jeddijiet tar-rikorrenti.*

15. *Dan jingħad għall-bosta raġunijiet, li se jiġu elenkati fil-qosor*

*(a) is-Sentenza Eżekuttiva, li tagħti d-dritt lil NBNW biex tipproċedi bit-talba għall-bejgħ skont l-artikoli 358 et seq, inkisbet mingħajr ma r-rikorrenti qatt ngħatat l-opportunità li tiddefendi t-talbiet miġjuba kontra l-Bastiment ta' propjeta tagħha. Ir-rikorrenti ipprovat titlob id-dritt illi tikkontesta t-talbiet im-ressqa minn NBNW, iżda l-Bareboat Charterer, b'abbuż, insista li għandu r-rappreżentanza tal-bastiment, biex imbgħad minlofk iddefenda l-bastiment, in effetti ammetta t-talbiet. B'hekk, b'mod frawdolenti jikseb sentenza u jipproċedi għal bejgħ ġudizzjarju approvat mill-qorti;*

*(b) Fi kliem ieħor, is-sentenza ottenuta kontra l-Bastiment tirreferi għal ammonti inkorsi mill-bareboat charterer, iżda fl-aħħar mill-aħħar se tisfa eżeg-wita kontra l-bastiment li huwa proprjeta tas-Sid;*

*(c) Il-kunflitti t'interess, aġevolati minn abbuż tal-proċeduri, komplew jidhru fil-proċeduri għall-bejgħ privat tal-bastiment, fejn fost affarijiet oħra:*

- *Irriżulta illi hemm konnessjoni ċara bejn il-bareboat charterer, il-manager u l-kumpratur interessat;*

- *Il-prezz offert huwa wieħed illi huwa ferm aktar baxx mill-valur tas-suq.*

- *Wieħed mill-krredituri (MSC) ikkontesta l-bejgħ għax stqarr illi l-prezz offert ta' USD 30,500,000 huwa baxx wisq u saħansitra ressaq offerta alternattiva ta' ħamsa u erbgħin miljun Dollaru (USD 45,000,000). Misterjożament, però, l-istess kreditur sussegwentement irtira l-oppożizzjoni tiegħu fid-dawl ta' "ftehim kummerċjali" li fih is-Sid mhux parti u li baqa' għal kollox mistur;*

*Dawn il-punti, a skans ta' ripetizzjoni, jirriżultaw min-nota ta' sottomissjonijiet illi tressqet, fuq talba tal-Qorti, fl-atti tar-rikors għall-bejgħ privat. (Dokument Ċ)*

16. *Huwa inaċċettabbli f'soċjetà demokratika li persuna li jkollha interess personali f'eżitu ta' sentenza "in rem" tkun ipprojbita milli tkun tista' tiddefendi l-bastiment tagħha stess biex b'hekk ħaddieħor jitħalla jabbuża s-sistema a skapitu tas-Sid.*

17. *Dan fl-aħħar mill-aħħar ifisser li d-drittijiet tar-rikorrenti għal smiegħ xieraq kif garantit mill-Kostituzzjoni (artikolu 39.2) u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem ġew miksura b'mod irrimedjabbli, bl-effett ulterjuri li jirriżulta li l-assi li jappartjeni lir-rikorrenti se jitneħħa illegalment mill-pussess tagħha.*

***Id-Deċiżjoni tas-27 ta' Diċembru, 2024***

18. *Minkejja l-Kawża Kostituzzjonali pendenti, b'deċiżjoni tas-27 ta' Diċembru, 2024, il-Qorti għaddiet biex awtorizżżat il-bejgħ privat tal-Bastiment (Dokument D) Il-proċedura titlob illi l-bejgħ jiġi kompletat entro sebat ijiem.*

19. *Għandu jingħad illi għalkemm il-Qorti laqgħet it-talba għall-bejgħ privat, hija stess semmgħet ċerti dubbji dwar l-aġir tal-kreditur u l-kumpratur interessat tant illi osservat kif ġej:*
*F'dan il-każ, NBNW tistrieħ fuq il-fatt li l-offerta mressqa minnha taqa' fil-parametri tal-istimi li ressqet. NBNW għażlet li ma tressaq ebda prova oħra, lanqas wara li (i) MSC offriet li tixtri l-bastiment għal $45,000,000; u (ii) AM Asia ressqet stima ta' iktar minn $50,000,000 għalih. Komplikazzjoni oħra hi NBNW xejn ma kienet trasparenti dwar (i) kif ġie individwat ix-Xerrej Propost*

*u kif saru n-negozjati li wasslu għall-offerta; (ii) għaliex saret rabta kuntrattwali max-Xerrej Propost li, skont ma ntqal, wasslet biex ma ġietx aċċettata l-offerta, prima facie ħafna aħjar, ta' MSC; u (iii) in-negozjati li wasslu biex MSC irtirat l-offerta u l-oġġezzjoni tagħha (li, preżumibbilment, hi kienet involuta fihom).*

20. *Mhux hekk biss, iżda saħanistra l-Qorti osservat illi l-ordni tagħha: m'għandux jitqies bħala xi forma ta' ġudizzju dwar il-kondotta ta' parti jew oħra involuta f'dawn il-proċeduri.*

21. *Madanakollu, jibqa' l-fatt illi d-deċiżjoni msemmija se twassal biex, qabel ma l-Qorti fis-sede Kostituzzjonali tagħha tkun bdiet tifli u tgħarbel l-argumenti tar-Rikorrenti, il-bastiment se jkun ġa nbiegħ, u hekk il-ħsara tkun laħqet saret.*

22. *Ir-rikorrenti hija preokkupata illi jekk iseħħ dan, il-jeddijiet tagħha se jisfaw preġudikati b'mod gravi għar-raġunijiet ġa msemmija.*

23. *Inoltre, bla ħsara għal li ntqal, il-Bareboat Charterer hija special purpose vehicle (shell company bla valur) illi ilha għal dawn l-aħħar sitt (6) xhur soġġetta għal proċeduri ta' stralċ fil-Ġermanja. Dan ifisser illi r-rikorrenti lanqas se jkollha rimedju effettiv ta' xi rivalsa kontra l-Bareboat Charterer u hekk, aktar u aktar il-jeddijiet tar-rikorrent qed jiġu kalpestati. Effettivament, il-Bareboat Charterer illi hija fl-aħħar mill-aħħar id-debitur li nkorriet id-djun in kwestjoni se tispiċċa twaddab id-djun tagħha fuq il-bastiment tas-sid, biex b'hekk il-kredituri se jispiċċaw igawdu minn fuq il-bejgħ tal-bastiment, a skapitu tas-Sid.*

24. *Għalhekk qiegħed isir dan il-mandat sabiex ir-rikorrenti jikkawtelaw id-drittijiet tagħhom, partikolarment hekk kif għadhom pendenti l-proċeduri Kostituzzjonali fuq imsemmija.*

25. *Minħabba li fi kwalunkwe' ħin l-intimati jistgħu jimxu bil-bejgħ privat, li jrid statutorjament isir entro sebat ijiem, ir-rikorrenti titlob bir-rispett illi dan il-mandat jiġi milqugħ anke proviżorjament.*

Rat id-dokumenti ppreżentati mar-rikors promotur;

Rat illi r-Rikors kien appuntat sabiex jinstema' minn din il-Qorti diversament preseduta, u rat l-astensjoni tal-istess Imħallef Dr Henri Mizzi tas-27 ta' Diċembru 2024;

Rat illi r-Rikors ġie assenjat lis-sottofirmat;

Rat id-**digriet** tagħha tas-27 ta' Diċembru 2024, fejn il-Qorti laqgħet it-talba tar-rikorrenti noe b'mod provviżorju, ordnat in-notifika tal-atti lill-intimati bi żmien prefiss biex iwieġbu, u fejn appuntat ir-rikors għas-smigħ ghall-udjenza tal-10 ta' Jannar 2025.

Rat li l-intimati kienu debitament notifikati fis-7 ta' Jannar 2025;

Rat ir-**Risposta** tal-intimat **MS 'Malta II' Schiffahrts GmbH & Co KG** tad-9 ta' Jannar 2025, li tgħid hekk:

1. *Illi l-esponenti qed tressaq din ir-risposta wara li giet notifikata elettronikament mill-Avukat tar-rikorrenti bid-digriet moghti minn din l-Onorabbli Qorti fejn gie milqugh b'mod provvizorju l-mandat odjern fis-seba' u ghoxrin (27) ta' Dicembru tas-sena elfejn u erba' u ghoxrin (2024). Il-mandat odjern baqa' ma giex notifikat lill-esponenti nonostante n-notifika elettronika tad-digriet surreferit;*

2. *Illi ghandu jinghad ukoll illi l-mandat odjern gie ntavolat ftit sieghat wara li nghata d-digriet minn din l-Onorabbli Qorti kif diversament preseduta fir-rikors intavolat fl-ismijiet:* ***North by Northwest GmbH vs Il-Bastiment 'MSC Valencia' (Rikors numru 1258/24HM).*** *Permezz tal-imsemmi digriet, din il-Qorti kif diversament preseduta laqat it-talba tas-socjeta' kreditrici ezekutanta sabiex il-bastiment 'MSC Valencia' jinbiegh lill-esponenti u dan ghar-ragunijiet elenkati fl-istess digriet u li ser jigu elenkati aktar l'isfel;*

3. *Illi primarjament ghandu jinghad illi l-esponenti m'ghandha l-ebda rabta guridika u jew kuntrattwali mar-rikorrenti u li giet involuta fil-mandat odjern b'mod abbusiv u vessatorju;*

4. *Illi bhala retroscena ghal dak li jirrigwarda l-proceduri tal-bejgh privat, ghandu jinghad illi qabel ma gew intavolati l-imsemmija proceduri, kien hemm gimghat shah ta' negozjati ghaddejjin bejn il-partijiet inkluz negozjati ohra li l-esponenti ghandha mal-financiers taghha sabiex jintlahaq qbil fuq diversi aspetti li wkoll wassal biex gie ffirmat Memorandum of Understanding bejn l-esponenti u s-socjeta' kreditrici ezekutanta North by Northwest, liema ftehim wkoll gie prezentat fil-proceduri tal-bejgh privat;*

5. *Illi ghalhekk meta l-esponenti tramite l-Avukat sottoskritt gew infurmati elettronikament bil-mandat de quo ftit sieghat wara li gie awtorizzat l-istess bejgh privat minn din l-istess Qorti kif diversament preseduta, kienet pjuttost sorpriza xokkanti ghall-esponenti;*

6. *Illi bil-mandat milqugh b'mod provvizorju, l-esponenti kellhom jinfurmaw lill-financiers taghhom bl-istess mandat sabiex il-flus ma jigux depozitati fil-kontijiet tar-Registru tal-Qorti stante li l-mandat de quo jipprekludi kwalunkwe att li jista' jikkonduci ghall-bejgh privat, nonostante l-fatt li skond id-dispozizzjonijiet legali relatati mal-bejgh privat tal-bastiment, il-flus ghandhom jithallsu entro sebat' ijiem minn meta jigi finalizzat il-bejgh. Ghalhekk l-esponenti gew imwaqqfa milli*

*jipprocedu ulterjorment sabiex jottemporaw mal-ordni provvizorja, b'konsegwenza li tali dewmien jista' potenzjalment jippregudika l-process kollu tal-bejgh privat!*

**7.** *Illi l-esponenti qeghdin min issa jirrizervaw id-dritt taghhom ghal kwalunkwe azzjoni spettanti lilhom ta' kwalunkwe dannu li huma jistghu jgarrbu bl-agir tar-rikorrenti li certament diga holoq pregudizzju unikament u esklussivament fil-konfront tal-esponenti;*

**8.** *Illi ghandu jinghad ukoll illi l-ordni moghtija minn din l-Onorabbli Qorti kif diversament preseduta fejn gie awtorizzat il-bejgh privat, ghadha valida u vigenti fuq il-partijiet kollha u ghalhekk jekk xi hadd mill-partijiet ma jsegwix dik l-ordni, din zgur li ha tammonta ghall-disprezz ta' dik l-ordni hemm moghtija;*

**9.** *Illi fit-tieni lok, qed issir referenza wkoll ghall-uhud mill-estratti tad-digriet li awtorizza l-bejgh privat fejn din il-Qorti kif diversament preseduta ssottolineat is-segwenti:*

*Analiżi*

*Dwar jekk il-bejgħ hux fl-interess tal-kredituri kollha magħrufa*

*13. AM Asia tgħid li l-bejgħ mhux fl-interess tal-kredituri. Iżda jekk wieħed iqis ir-raġunijiet li tagħti, wieħed isib li l-oġġezzjoni hi, essenzjalment, li l-prezz offrut ma jirriflettix sewwa l-valur tal-bastiment. Għalhekk, dawn ir-raġunijiet sejrin jitqiesu fit-taqsima li tmiss.*

*14. Intqal f'Dr Ann Fenech noe v Il-bastiment MV D Ladybug, 4 li ż-żewġ elementi jixmu id f'id u li l-prova tinkombi fuq il-kreditur eżekutant.5 Dan għaliex jekk il-prezz ikun wieħed raġonevoli, allura dan hu fl-interess tal-kredituri (Valenzia noe v MT Pacific Future). 6*

*15. Imma kif intqal f'Pacific Future, hemm konsiderazzjonijiet li jmorru lil hinn mill-prezz meta l-qorti tiġi biex tqis jekk bejgħ hux fl-interess tal-kredituri. F'dak il-każ, il-bastiment kien qiegħed f'qagħda mwiegħra u filwaqt li kien hemm proċeduri għal bejgħ bl-irkant, dawk il-proċeduri kienu sospiżi minħabba li kien hemm proċeduri oħra għaddejjin. Il-qorti dehrilha li kellha 'tizen dan il-prezz [li possibilment ma kienx l-aħjar wieħed possibbli] ma' xenarju fejn l-istat tal-vapur, bejgh forzat b'subbasta li huwa sospiz ... u fejn ma ingiebitx prova li hemm kumpratur iehor interessat bi prezz ahjar ta' xiri'.*

*16. Issa f'dan il-każ, is-sitwazzjoni hi simili.* ***<u>Il-bastiment ilu arrestat għal iktar minn sena; hu soġġett għal sanzjonijiet, li jistgħu jiġi meħlusa biss jekk il-bastiment jinbiegħ blawtorizzazzjoni tal-qorti; qiegħed jinżamm fi stat li jiflaħ għall-baħar mill-Awtorità, a spejjeż tagħha; u hi l-istess Awtorità li, dejjem a spejjeż tagħha, qiegħda tħares l-interess tal-ħaddiema u, indirettament, dawk tal-bastiment. Dawn l-ispejjeż qiegħdin iżidu d-dejn tal-bastiment b'mod li kull jum ta' spejjeż miżjuda jfisser li dak li jistgħu jieħdu l-kredituri l-oħra qiegħed dejjem jonqos.</u>***

***<u>17. Il-qorti għalhekk tqis li ntwera li hu fl-interess tal-kredituri kollha magħrufa li l-bastiment jinbiegħ.</u>***

**10.** *Illi dwar is-suespost, l-esponenti tikkonferma u tissottolinea illi l-bastiment de quo jinsab f'qaghda prekarja li la ghandu polza assikurattiva u wisq anqas klassi li tohroglu certifikat statutorji validi! Tant hu hekk illi l-esponenti trid tipprocedi bid-drydocking tal-bastiment kemm jista' jkun malajr u dan ghaliex jehtieg varji riparazzjonijiet li huma ta' natura straordinarja u urgenti. Il-fatt li r-rikorrenti qed juzaw il-mandat odjern bhala arma b'mod abbusiv intiz biss biex jipprolonga l-bejgh huwa deplorabbli meta wiehed iqis li dan l-agir qed johloq periklu akbar kemm lill-ekwipagg li jinsab abbord kif ukoll ghall-Kosta Maltija f'kaz li jinqala' xi incident b'bastiment li ghandu tul ta' oltre minn 300 metru u li huwa bla assikurazzjoni u wisa anqas Klassi. Apparti l-fatt ukoll illi dan il-bastiment qed jigu fornit bil-provvisti necessarji mill-Istat Malti u allura jehtieg li l-bejgh jipprocedi minghajr ebda abbuz ulterjuri da parti tar-rikorrenti;*

*Ghalhekk u in vista tar-ragunijiet hawn esposti, l-esponenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tichad b'mod definittiv it-talba ghall-hrug tal-mandat t'inibizzjoni odjerna u tirrevoka l-ordni provvizorja moghtija fis-27 ta' Dicembru 2024.*

Rat ir-Risposta tal-**Bareboat Charterers tal-Bastiment 'MSC Valencia', ossia is-soċjeta' estera MS "MSC Valencia" Schiffahrtsgesellschaft mbH** tad-9 ta' Jannar 2025 (fol 33) li tgħid hekk:

*Jesponu bir-rispett:*

**1.** *Illi din hija r-risposta tal-Bareboat Charterers MS "MSC VALENCIA" Schiffahrtsgesellschaft mbH ghall-mandat t'inibizzjoni intavolat mis-socjeta' rikorrenti fis-27 ta' Dicembru 2024, liema mandat gie notifika lill-esponenti nomine nhar is-seba' (7) ta' Jannar tas-sena elfejn u hamsa u ghoxrin (2025);*

**2.** *Illi fuq nota preliminari ghandu jigi sottolineat illi s-sidien tal-bastiment kienu u ghadhom qed jirrikonoxxu l-ezistenza u l-validita' tal-bareboat charter agreement li ghad hemm in vigore bejnhom u bejn il-bareboat charterers esponenti kemm quddiem il-Qrati Maltin f'diversi proceduri li kien hemm kif ukoll quddiem il-fora estera;*

**3.** *Illi jehtieg illi f'dan l-istadju, l-esponenti jipprovdu retroscena tal-fatti li sehhew tul l-ahhar sena ghaliex ir-rikorrenti qed tkun pjuttost selettiva f'dak li tghid u taghmel;*

**4.** *Illi jehtieg ukoll li l-esponenti jaghmlu referenza wkoll ghall-bareboat charterparty li hemm bejnhom u bejn ir-rikorrenti, liema kwistjoni diga' giet trattata kemm il-darba quddiem il-Qrati Maltin sabiex jigi determinat il-locus standi tas-sidien tal-bastiment ossia s-socjeta' rikorrenti. Referenza ghal diversi sentenzi li nghataw minn din il-Qorti kif ukoll mill-Qorti tal-Appell ukoll ser issir iktar l-isfel;*

**A.** ***Bareboat Charterparty***

**1.** *Illi b'mod preliminari wkoll, l-esponenti jergghu jissottolineaw illi s-sidien tal-bastiment 'MSC Valencia ossia s-soċjeta' AM Asia M14 Limited tammetti u*

*tirrikonoxxi illi l-bastiment de quo huwa bareboat chartered lill-esponenti u allura l-istess ftehim ghadu in vigore bejn il-partijiet;*

2. *Illi tul il-proceduri kollha li kien hemm quddiem il-Qrati Maltin, l-esponenti dejjem irreferew ghall-provvedimenti legali dwar id-definizzjoni ċara ta' bareboat charterer liema definizzjoni hija moghtija permezz tal-Artiklu 84A tal-Kapitlu 234 tal-Liġijiet ta' Malta li propju jipprovdi s-segwenti:*

   *"bareboat charter" tfisser kuntratt għan-nolleġġ jew sub-nolleġġ ta' bastiment, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ nolleġġ, għal perijodu stipulat ta' żmien, li bis-saħħa <u>tiegħu</u> **<u>in-nolleġġatur għandu jakkwista kontroll sħiħ u pussess komplet tal-bastiment inkluż id-dritt li jaħtar il-kaptan u l-ekwipaġġ tal-bastiment</u>** għalkemm idum in-nolleġġ iżda eskluż id-dritt li jbiegħ jew jipoteka l-bastiment;*

   *Għalhekk isegwi illi l-esponenti l-bareboat charterers u l-Kaptan kellhom u ghad ghandom kull dritt li jirrapreżentaw il-bastiment esponenti fi kwalunkwe azzjoni in rem li kien hemm fil-konfront tal-bastimetn 'MSC Valencia' stante li kien u ghadu jigi ammess u rikonoxxut mir-rikorrenti qua s-sidien tal-bastiment, li l-esponenti huma l-bareboat charterers u allura għandhom kontroll sħiħ u pussess komplet tal-bastiment esponenti;*

3. *Illi f'dan l-istadju, jehtieg ukoll li jigu elenkati l-fatti b'mod sommarju li sehhew tul l-ahhar sena u dan ghall-beneficcju ta' din l-Onorabbli Qorti sabiex tinghata stampa cara tal-akkadut kollu u mhux dak li jaqbel biss lir-rikorrenti;*

### *B. Il-Fatti*

4. *Illi ghandu jinghad li f'April tas-sena elfejn u tlieta u ghoxrin (2023), ir-rikorrrenti quq s-sidien tal-bastiment 'MSC Valencia' gew milquta minn diversi sanzjoni-jiet internazzjonali li kkawzaw detriment qawwi fuq l-operat tal-bastiment de quo;*

5. *Illi a kawza tal-imsemmija sanzjonijiet, it-time charterers tal-bareboat charter-ers esponenti [terzi li m'humiex parti fil-proceduri odjerni] immedjatament itter-minaw it-time charter agreement li kellhom mal-bareboat charterers esponenti ghaliex ma riedu jkollhom xejn x'jaqsmu ma' bastiment li huwa propjeta' ta' sidien milquta b'diversi sanzjonijiet;*

6. *Illi b'rizultat tas-suespost, il-bastiment esponenti gie rez inoperabbli bil-kon-segwenza li d-dhul tal-bareboat charterers gie milqut sostanzjalment ghaliex hadd ma ried jiccarterja l-istess bastiment;*

7. *Illi meta l-bastiment esponent dahal fl-ibhra territorjali, ossia f'Ottubru tas-sena elfejn u tlieta u ghoxrin (2023), l-istess bastiment gie milqut b'diversi mandati t'arresti maghmula minn diversi kredituri;*

8. *Illi ghandu jinghad illi sal-lum, il-bastiment esponenti safa' milquta bi tmien (8) mandati t'arresti. L-ewwel mandat t'arrest fil-fatt gie ntavolati fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tlieta u ghoxrin (2023), it-tieni mandat gie ntavolati fl-ghoxrin (20) ta' Novembru tas-sena elfejn u tlieta u ghoxrin (2023), it-tielet mandat gie ntavolati fil-wiehed u tletin (31) ta' Jannar tas-sena elfejn u erba' u ghoxrin (2024), ir-raba' mandat gie ntavolat fil-hamsa u ghoxrin (25) ta'*

*Gunju, il-hames mandat gie ntavolat fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Settembru, is-sitt u seba' mandati gew intavolati fl-ghaxra (10) u fis-sittax (16) ta' Ottubru u t-tmien u l-ahhar mandat fil-hdax (11) ta' Novembru ta' din is-sena;*

**9.** *Illi l-mandat surreferiti gew intavolati fl-ismijiet: North by Northwest vs MSC Valencia (2037/23), Marlow Navigation vs MSC Valencia (2189/23), MSC Mediterranean Shipping vs MSC Valencia (173/24), North by Northwest vs MSC Valencia (1058/24), North by Northwest vs MSC Valencia (1551/24), Awtorita' ghat-trasport f'Malta vs MSC Valencia (1645/24), AM Asia M14 Limited vs MSC Valencia (1679/24) u AM Asia M14 Limited vs MSC Valencia (1868/24);*

**10.** *Illi l-maggior parti tal-mandati surreferiti gew intavolati minn erba' (4) kredituri u jirrigwardaw talba ghall-hlas ta' bunkers li gew forniti liz-zewg bastimenti, talbiet ghall-hlas ta' pagi u spejjez ohra dovuti lill-ekwipagg tal-bastimenti u talbiet relatati mat-Time charterparty;*

**11.** *Illi ironikament, l-ahhar zewg mandati intavolati fil-konfront tal-bastiment esponenti gew intavolati mis-sidien tal-bastiment innifishom li ddecidew li jarrestaw il-bastiment taghhom stess ghall-ammonti ta' hdax il-miljun disa' mija u wiehed u ghoxrin elf tmien mija u sitta u tmenin Ewro u erba' u erbghin centezmu (Eur 11,921,886.44) u l-ahhar mandat ghas-somma ta' sittin miljun, sitt mija u dsatax-il elf, tlett mija u erba' u erbghin Ewro u dsatax-il centezmu(Eur 60,619,347.19). Kopja taz-zewg mandati qed jigu hawn annessi u mmarkati bhala* ***Dokument 'A'****;*

**12.** *Illi ghal kull buon fini qed jigi ddikjarat illi l-mandati kif mahruga mis-sidien tal-bastiment qed jigu kkontestati fl-intier taghhom ghaliex huwa evidenti li l-agir taghhom huwa ntiz biss biex jabbuzaw mis-sistema gudizzjarja ghad-detriment tal-esponenti!*

**13.** *Illi ironikament ukoll, is-sidien intavolaw mandat iehor fit-23 ta' Dicembru 2024, fl-ismijiet AM Asia M14 Limited vs MSC Valencia (2142/24) liema mandat gie michud mill-Qorti skond kif jidher mid-digriet hawn anness bhala* ***Dokument 'B'*** *ghar-raguni li l-Qorti ndunat li r-rikorrenti kienet diga' kkawtelat l-allegat pretensjoni taghha bil-mandati precedenti u li sahansitra ma nfurmatx il-Qorti dwarha. Dan ikompli juri l-abbuz lampanti tar-rikorrenti bis-sistema gudizzjarja;*

**14.** *Illi ghandu jinghad ukoll illi f'Dicembru tas-sena elfejn u tlieta u ghoxrin (2023), is-Sanctions Monitoring Board gewwa Malta hareg ordni ta' ffrizar fuq il-bastiment de quo u dan minhabba li s-sidien tal-bastiment ossia AM Asia M14 Limited huma milquta b'diversi sanzjonijiet stante li ghandhom affiljazzjoni ma' designated entity ossia GTLK Asia. Kopja tal-ordni kif mahruga mis-Sanctions Monitoring Board qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala* ***Dokument 'C'****. Kien propju ghalhekk li l-bastiment de quo spicca f'pozizzjoni fejn il-bareboat charterers ma setghux ikomplu joperaw l-imsemmi bastiment minhabba l-pozizzjoni tas-sidien li gew milquta b'diversi sanzjonijiet internazzjonali. Mhux talli ma setghux ikomplu joperaw il-bastiment de quo, izda talli diversi service providers inkluz il-Classification Society kif ukoll l-insurers tal-bastiment qeghdin propju jirrifjutaw li jgeddu c-certifikati tal-bastiment minhabba l-istess sanzjonijiet;*

**15.** *Illi bhallikieku l-fatt li s-sidien talbu u ottjenew il-hrug tal-mandat t'arrest kawtelatorju kontra bastiment taghhom stess ma kienetx anomalija u assurdita' mwettqa b'abbuz kbir, ghandu jinghad ukoll illi s-socjeta' AM Asia M14 Limited qua s-sid tal- bastiment de quo kienet ben edotta dwar il-mandati l-ohra hawn fuq indikati pero' nonostante l-allegazzjonijiet serji li hija ressqet quddiem il-Qrati Maltin, din qatt ma ghamlet xejn sabiex ghall-inqas jew tipprova tikkontesta l-imsemmija mandati u wisq anqas xi procedura ohra biex tipprova ittermina l-bareboat charterparty. Nonostante r-rimedja legali kollha li kellha u ghad ghandha ghad-dispozizzjoni taghha, din mhux talli m'ghamlet xejn, izda talli ghadha qed tirrikonoxxi l-ezistenza u l-validita' tal-bareboat charterparty, u sahansitra qed tikkonferma li l-bastiment de quo li huwa taht kontroll u pussess assolut tal-esponenti;*

**16.** *Illi ghandu jinghad ukoll illi min mindu gew intavolati l-mandati surreferiti, s-sidien tal-bastiment ossia s-socjeta' AM Asia M14 Limited ma ghamlu assolutament xejn sabiex jiehdu hsieb almenu tal-arrangamenti kollha relatati mal-kura u preservazzjoni tal-bastiment inkluz l-arrangamenti ghall-crew change, arrangamenti relatati mall-provvisti ta' bunkers u affarijiet ohra ghall-membri ghall-ekwipagg, arrangamenti ghar-riparazzjonijiet ordinarji li jehtieg il-bastiment, arrangamenti mal-Awtoritajiet tal-Port u arrangamenti ohra relatati mal-ottjeniment tal-awtorizzazzjoni tal-Qorti Maltija sabiex ikunu jistghu jsiru dawn l-arrangamenti kollha waqt li l-mandati t'arrest ghadhom in vigore. Minn dawn l-arrangamenti kollha sabiex jigi accertat il-kura u l-preservazzjoni tal-bastiment u tal-ekwipaggi taghhom, is-socjeta' AM Asia M14 Limited m'ghamlet assolutament xejn sabiex tipprova tippreserva lill-istess bastiment;*

**17.** *Illi dawn il-fatti kollha qed jingiebu a konjizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti sabiex verament jigi determinat l-interess li ghandhom is-sidien tal-bastiment meta huma stess arrestaw ukoll il-bastiment ben darbtejn fil-gimghat li ghaddew u f'liema mandati mhux talli qed jirreklamaw ammonti redikoli imma talli qed juru bic-car kemm effettivament m'ghandhom l-ebda interess fil-bastiment 'MSC Valencia'!*

**18.** *Illi dwar l-interess mehtieg, qed issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) fid-deċiżjoni fl- Appell Inferjuri Numru 92/2020/1 LM Qrati tal-Ġustizzja fl-ismijiet* ***Anthony P. Farrugia vs. l-Onorevoli Prim Ministru et. ,*** *fejn il-Qorti spjegat illi:*

*"Illi l-interess ġuridiku f'parti attriċi huwa dak li l-imħarrek jirrifjuta jew jonqos li jagħraf il-jedd tal-istess attur u li, fih innifsu, joħloq il-ħtieġa tal-vertenza. Għalhekk, dan iġib miegħu l-konsegwenza li l-ewwel u l-aqwa interess ġuridikament ammissibbli huwa dak li kull persuna għandha, jiġifieri li titlob li, fil-konfront tagħha, isir ħaqq jew li tiġi imsewwija inġustizzja magħmula fil-konfront tagħha (fn. 21 App. Kumm. 2.4.1993 fil-kawża fl-ismijiet Farrugia et vs Buhagiar (Kollez. Vol. LXXVII.ii.98).*

*Illi biex tali interess ikun tutelat minn karattru ġuridiku, irid ikun iwassal għal riżultat ta' utilità u vantaġġ għal min irid jeżerċita l-jedd (fn. 22 ara App. Ċiv. 13.2.1953 filkawża fl-ismijiet Manche vs Montebello (Kollez. Vol. XXXVII.i.56), b'mod li jekk l-azzjoni ma tistax twassal biex tipproduċi tali riżultat għal min jibdiha, dik l-azzjoni ma tistax treġi (fn. 23 P.A. 7.1.1953, fil-kawża fl-ismijiet Camilleri vs Sammut (Kollez. Vol. XXXVII.ii.605). Kien minħabba f'dan il-prinċipju li għadd ta' sentenzi ċaħdu l-jedd tal-azzjoni lil min ried jikseb*

*b'sentenza biss dikjarazzjoni mingħajr oġġett materjali (fn. 24 Ara App. Ċiv. 8.6.1942 fil-kawża fl-ismijiet Cortis vs Bonello (Kollez. Vol. XXXI.i.218). ...*

*Illi l-interess mhux bilfors ikun wieħed li jista' jiġi kwantifikat f'somma determinata ta' flus jew ġid. L-interess jista' jkun ukoll meqjus imsejjes jekk jimmira li jħares jew jagħti għarfien għal jedd morali jew suġġettiv (fn. 29 P.A. 13.10.1952 fil-kawża flismijiet Axiaq vs Mizzi noe et (Kollez. Vol. XXXVI.ii.532), imbasta l-jedd invokat ma jkunx wieħed ipotetiku (fn. 30 App. Ċiv. 15.12.1932 – fil-kawża fl-ismijiet Scolaro vs Bailey, (Kollez. Vol. XXVII.ii.195)."*

*Ghalhekk meta wiehed iqis l-insenjament surreferit, u l-fatt tal-kaz odjern, fejn is-sidien tal-bastiment stess arrestaw ben darbtejn lill-bastiment esponenti, huwa evidenti li l-elementi rikjesti sabiex jitqiesu li ghandhom interess u dan ghaliex l-interess taghhom la huwa wiehed attwali, la huwa dirett, la huwa legittimu u wisq anqas guridiku;*

**19.** *Illi jerga' jinghad li l-fatt li s-sidien stess intavolaw ben zewg mandati t'arrest fil-konfront tal-bastiment esponent turi b'mod car kemm l-azzjonijiet taghhom propju juru kemm m'ghandhom l-ebda interess fil-bastiment. Huwa fatt magħruf ukoll li l-bastiment esponent m'ghandu l-ebda polza ta' assikurazzjoni u wisq anqas Classification society liema sitwazzjoni ilha hekk minn Marzu tas-sena 2023, stante li la l-Klassi u wisq anqas is-socjeta' assikurattiva ma jridu jgeddu c-certifikati minhabba li s-sidien tal-bastiment huma milquta b'diversi sanzjonijiet internazzjonali. Din is-sitwazzjoni hija kkunsidrata bhala wahda prekarja u ta' natura urgenti u jehtieg li l-bastiment esponenti jinbiegh kemm jista' jkun malajr biex jigi evitat kwalsiasi allahares qatt incident li jista' jhalli impatt qawwi u detrimentali fuq l-ibhra territorjali;*

**20.** *Illi ghandu jinghad ukoll illi l-qaghda tal-bastiment m'hijiex wahda felici u dan ghaliex il-bastiment ilu ma jopera ghal kwazi sentejn shah u jehtieg li jigi dry docked mill-iktar fis ghar-riparazzjonijiet urgenti. Dan ikompli jindika wkoll illi l-valur tal-bastiment qed ikompli jonqos b'mod sostanzjali aktar ma jghaddi z-zmien!*

**21.** *Illi dwar il-proceduri li sehhew quddiem il-Qrati Maltin specifikament dawk li jirrigwardaw il-kawza* ***North by Northwest GmbH Vs Il-Bastiment 'MSC Valencia'*** *(Rikors Nru 1268/23) liema kawza giet deciza mill-Qorti tal-Appell fit-3 ta' Ottubru 2023 (kopja taghha qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala* ***Dokument 'D'****), l-Onorabbli Qorti tal-Appell provdiet insenjament car u inekwivoku dwar il-locus standi tar-rikorrenti qua s-sidien tal-bastiment kif ukoll dwar ir-rekwiziti tal-Artikolu 742D tal-Kapitlu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Fil-fatt, l-Onorabbli Qorti tal-Appell provdiet hekk:*

*5. Il-kawża li wasslet għall-appell infetħet bil-proċedura sommarja taħt l-Artikolu 167 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili mitterz kreditur li lilu ġie assenjat il-kreditu kontra l-vapur ai termini talArtikolu 742B(r) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li jgħid li l-Qrati tagħna għandhom ġurisdizzjoni in rem kontra l-vapur għal kull pretensjoni ta' ħlasijiet dovuti lill-ekwipaġġ u crewing services, u lArtikolu 742D li jiddisponi li l-azzjoni tista' ssir direttament kontra l-vapur fejn il-persuna relevanti meta nħolqot il-kawża għall-azzjoni kienet is-sid jew nolleġġatur, jew kellha fil-pussess u kontroll tagħha l-vapur, jekk fiżżmien meta tinġieb l-azzjoni l-persuna relevanti tkun sid jew nolleġġatur taħt bareboat charter tal-vapur.*

*6. L-Artikolu 84A tal-Att dwar il-Bastimenti Merkantili jipprovdi li:*

*"bareboat charter" tfisser kuntratt għan-nolleġġ jew sub-nolleġġ ta' bastiment, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ nolleġġ, għal perijodu stipulat ta' żmien, li bis-saħħa tiegħu n-nolleġġatur għandu jakkwista kontroll sħiħ u pussess komplet tal-bastiment inkluż id-dritt li jaħtar ilkaptan u l-ekwipaġġ tal-bastiment għalkemm idum in-nolleġġ iżda eskluż id-dritt li jbiegħ jew jipoteka l-bastiment;*

***7. Il-persuna relevanti meta nħolqot il-kawża f'dan il-każ hija lbareboat charterers, kif rappreżentat mill-kaptan tal-vapur, li hu responsabbli għad-debitu kuntrattat minnu. L-istess persuna baqgħet in-nolleġġatur tal-vapur fiż-żmien li saret il-kawża. Għalhekk l-elementi talazzjoni in rem ġew sodisfatti**.*

*8. Imiss li jiġi kkunsidrat jekk il-proċedura tal-Artikolu 167 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili ġietx sodisfatta.*

*9. Is-soċjetà attriċi nnotifikat bil-kawża lill-vapur permezz tal-kaptan flindirizz tal-aġent tal-vapur. Fl-ewwel dehra għas-smigħ dehru d-difensuri tas-soċjetà attriċi, kif ukoll id-difensuri għall-bastiment konvenut u għallaġent tiegħu, kif ukoll il-bareboat charterers. Deher ukoll b'video link ilkaptan tal-vapur li rrappreżenta l-vapur. Il-kaptan hu ngaġġat minnolleġġatur. F'dik is-seduta d-difensuri tal-bareboat charterers, kif ukoll il-kaptan, iddikjaraw li kellhom struzzjonijiet min-nolleġġatur li l-proċedura titmexxa bid-dispensa tas-smigħ. Dehru wkoll id-difensuri għas-sidien ilvapur li ssottomettew li kellhom is-setgħa li jidhru għall-vapur u li lproċedura addottata għas-smigħ mhijiex waħda legalment korretta. IlQorti ddifferiet il-kawza għad-digriet fuq din il-kwistjoni. Fis-7 ta' Marzu 2024, il-Qorti ċaħdet it-talba tas-sidien tal-vapur biex jidhru għall-vapur billi kien legalment rappreżentat u laqgħet it-talbiet attriċi.*

*10. Sid il-bastiment f'isem il-bastiment ressqet diversi aggravji bħala raġunijiet għaliex is-sentenza tal-Ewwel Qorti għandha tiġi revokata. Madankollu dak li ser jiġi deċiż f'din is-sentenza hi l-ewwel eċċezzjoni tassoċjetà attriċi li l-appell hu irritu u null għaliex l-appell ma ġiex ippreżentat minn min għandu d-dritt li jirrappreżenta l-vapur f'azzjoni in rem.*

*11. Il-punt tat-tluq għas-soluzzjoni ta' din il-kwistjoni hi min hu lleġittimu kontradittur f'azzjoni in rem.* ***Azzjoni in rem hi waħda li ssir direttament kontra vapur. Il-leġittimu kontradittur hu l-vapur. Ma hemmx kwistjoni bejn il-partijiet li din hi kawża in rem. Is-sid tal-vapur appellant iressaq diversi aggravji b'danakollu ma jattakkax il-bażi tal-azzjoni. Azzjoni in rem trid fl-ewwel lok li s-suġġett tad-disputa jkun wieħed li jaqa' f'tali definizzjoni u kif ġa rajna d-disputa hi dwar kreditu ta' ħlasijiet talekwipaġġ jew konnessi mal-ingaġġar tal-ekwipaġġ dovut minnolleġġatur, li ġie f'idejn is-soċjetà attriċi b'assenjazzjoni ta' kreditu ċert, likwidu u dovut mill-manager tal-vapur, li ħallas id-debitu b'surroga. Ilġurisdizzjoni tal-Qorti Maltija hi wkoll stabbilita, kif ukoll ġa rajna, billi lpersuna relevanti, f'dan il-każ in-nolleġġatur, kien dak li kkontratta d-dejn personalment jew f'ismu u meta saret il-kawża kien għadu n-nolleġġatur tal-bastiment.***

*12. Sodisfatti dawn l-elementi jrid jittieħed kont jekk ġietx segwita lproċedura biex jiġi notifikat kif imiss il-vapur. L-Artikolu 187(7) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jgħid li f'azzjoni kontra lbastiment in-notifika*

*ssir lill-kaptan jew fin-nuqqas lill-aġent tal-bastiment. F'dan il-każ in-notifika tal-azzjoni ġiet notifikata lill-aġent tal-bastiment u l-kaptan, u fis-smigħ tal-proċeduri deher il-kaptan in rappreżentanza talbastiment u d-difensur tal-vapur in rappreżentanza tan-nolleġġatur.*

*13. Ma hemm ebda obbligu li jiġi notifikat sid il-bastiment mit-terz li ressaq l-azzjoni. Jista' jkun hemm konsegwenzi legali li jinsorġu bejn innolleġġatur u s-sid għall-azzjonijiet li jittieħdu kontra l-bastiment, madankollu dan hu res inter alios acta għas-soċjetà attriċi li għandha kreditu mhux kontestat kontra l-vapur, kif jidher mill-atti prodotti.*

***14. Kif ġa ngħad il-kaptan bħala rappreżentant tal-vapur hu ngaġġat direttament min-nolleġġatur bareboat, li skont il-liġi għandu l-pussess effettiv u kontroll sħiħ tal-bastiment bid-drittijiet u obbligi li dan iġib miegħu.***

***15. Ladarba proċeduralment l-atti mxew skont il-liġi, u l-bastiment ġie notifikat kif trid il-liġi, in-nuqqas ta' oppożizzjoni tal-bastiment, kif rappreżentat mill-kaptan u d-difensur għan-nom tan-nolleġġatur, ifisser li l-bastiment konvenut, li għandu personalità sħiħa ġuridikament awtonoma li jidher fil-kawża, ammetta għat-talbiet attriċi.***

**22.** *Illi in segwitu tas-sentenza surreferita, s-socjeta' kreditrici ezekutanta ossia North by Northwest procediet b'talba ghall-bejgh privat tal-bastiment 'MSC Valencia liema proceduri gew decizi permezz ta' digriet moghti fis-27 ta' Dicembru 2024. F'dan id-digriet, din il-Qorti kif diversament preseduta regghet fliet l-atti kif ukoll l-istess lanjanzi li regghu tqajmu ghal darb' ohra mir-rikorrenti quddiem il-Qrati Maltin billi kkunsidrat is-segwenti:*

*Analiżi*

*Dwar jekk il-bejgħ hux fl-interess tal-kredituri kollha magħrufa*

*13. AM Asia tgħid li l-bejgħ mhux fl-interess tal-kredituri. Iżda jekk wieħed iqis ir-raġunijiet li tagħti, wieħed isib li l-oġġezzjoni hi, essenzjalment, li l-prezz offrut ma jirriflettix sewwa l-valur tal-bastiment. Għalhekk, dawn ir-raġunijiet sejrin jitqiesu fit-taqsima li tmiss.*

*14. Intqal f'Dr Ann Fenech noe v Il-bastiment MV D Ladybug, 4 li ż-żewġ elementi jixmu id f'id u li l-prova tinkombi fuq il-kreditur eżekutant.5 Dan għaliex jekk il-prezz ikun wieħed raġonevoli, allura dan hu fl-interess tal-kredituri (Valenzia noe v MT Pacific Future). 6*

*15. Imma kif intqal f'Pacific Future, hemm konsiderazzjonijiet li jmorru lil hinn mill-prezz meta l-qorti tiġi biex tqis jekk bejgħ hux fl-interess tal-kredituri. F'dak il-każ, il-bastiment kien qiegħed f'qagħda mwiegħra u filwaqt li kien hemm proċeduri għal bejgħ bl-irkant, dawk il-proċeduri kienu sospiżi minħabba li kien hemm proċeduri oħra għaddejjin. Il-qorti dehrilha li kellha 'tizen dan il-prezz [li possibilment ma kienx l-aħjar wieħed possibbli] ma' xenarju fejn l-istat tal-vapur, bejgh forzat b'subbasta li huwa sospiz ... u fejn ma ingiebitx prova li hemm kumpratur iehor interessat bi prezz ahjar ta' xiri'.*

*16. Issa f'dan il-każ, is-sitwazzjoni hi simili.* ***<u>Il-bastiment ilu arrestat għal iktar minn sena; hu soġġett għal sanzjonijiet, li jistgħu jiġi meħlusa biss jekk</u>***

***<u>il-bastiment jinbiegħ blawtorizzazzjoni tal-qorti; qiegħed jinżamm fi stat li jiflaħ għall-baħar mill-Awtorità, a spejjeż tagħha; u hi l-istess Awtorità li, dejjem a spejjeż tagħha, qiegħda tħares l-interess tal-ħaddiema u, indirettament, dawk tal-bastiment. Dawn l-ispejjeż qiegħdin iżidu d-dejn tal-bastiment b'mod li kull jum ta' spejjeż miżjuda jfisser li dak li jistgħu jieħdu l-krendituri l-oħra qiegħed dejjem jonqos.</u>***

***<u>17. Il-qorti għalhekk tqis li ntwera li hu fl-interess tal-kredituri kollha magħrufa li l-bastiment jinbiegħ.</u>***

*Dwar il-prezz offrut*

*18. AM Asia tgħid li l-offerta irtirata ta' MSC kienet tirrifletti aħjar il-valur tal-bastiment, kif ikkonfermat mill-istima imressqa minn AM Asia waqt is-smigħ tas-6 ta' Diċembru 2024. Tgħid ukoll li (i) NbNW naqset milli tuża l-kura u d-diliġenza mistennija minnha biex tikseb l-aħjar offerta; (ii) NbNW naqset meta rrifjutat l-offerta ta' MSC, anki matul u wara is-smigħ tas-6 ta' Diċembru 2024; (iii) NbNW naqset milli tqis l-interessi ta' AM Asia meta stqarret li l-prezz miftiehem max-Xerrej Propost hu biżżejjed biex jagħmel tajjeb għad-dejn kollu għajr għal dak mitlub minn AM Asia; u (iv) li hemm kollużjoni bejn NbNW u terzi, inklużi x-Xerrej Propost u MSC, kollużjoni possibilment faċilitata għaliex hemm relazzjoni bejn NbNW u x-Xerrej Propost. 7*

*19. Filwaqt li hu minnu li ntqal – f'Ladybug – li l-liġi ma timponix, fuq il-kreditur eżekutant, il-ħtieġa ta' offerti fis-suq biex jinġieb paragun u li, jekk xejn, jinkombi fuq kull parti oħra interessata biex tressaq offerti aħjar, jibqa' li skont l-art. 359 tal-Kap. 12, l-oneru tal-prova li l-prezz hu raġonevoli fiċ-ċirkostanzi hi fuq il-kreditur eżekutant, u mhux fuq il-partijiet l-oħra interessati. Din il-prova mhux dejjem tista' issir biss bil-mezz tal-istimi, għaliex li kieku kien hekk, il-kliem fit-tieni parti tal-art. 359 jinġieb fix-xejn.*

*20. L-istimi għandhom valur probatorju importanti fejn jidħol il-prezz. Dawn għandhom iservu ta' kejl tal-valur – anki jekk kemxejn teoretiku – li kontra tiegħu għandu jitqies il-prezz offrut. Imma, il-liġi titlob mhux biss prova tal-valur, imma prova ukoll li l-prezz hu raġonevoli fiċ-ċirkostanzi; u titlobha mill-kreditur eżekutant. Naturalment, kull min hu interessat fil-bejgħ jista' jġib prova favur jew kontra l-prezz offrut, imma l-oneru mhux fuqhom.*

*21. X'inhi tali prova ma jingħadx b'mod speċifiku. Tista' għalhekk tieħu kwalunwke forma. Fejn il-prezz offrut hu fil-parametri tal-istimi, qorti tista', possibilment, tistrieħ fuq l inferenza li l-prezz hu għalhekk raġonevoli, jekk ma jkunx hemm prova kontrarja. Stedina għal offerti – sew pubblika u sew privata8 - tista' tkun partikolarment konvinċenti, u tista' ukoll ixxejjen it-tip ta' allegazzjonijiet li saru f'din il-kawża. Għandha ukoll il-vantaġġ li turi li l-kreditur eżekutant – li għandu pożizzjoni kemxejn anomala, kważi fiduċjarja - ikun mexa b'mod trasparenti. Imma tista' ssir b'mezzi oħra ukoll. F'każ ieħor, il-kreditur eżekutant kien ressaq, bħala prova, offerti li kienu saru, mingħajr stedina, minn persuni li kienu involuti fi proċess anteċedenti ta' bejgħ bl-irkant, u li għalhekk kienu jafu li lbastiment kien għall-bejgħ. 9*

*22. F'dan il-każ, NbNW tistrieħ fuq il-fatt li l-offerta mressqa minnha taqa' fil-parametri talistimi li ressqet. NbNW għażlet li ma tressaq ebda prova oħra, lanqas wara li (i) MSC offriet li tixtri l-bastiment għal $45,000,000; u (ii) AM Asia ressqet stima ta' iktar minn $50,000,000 għalih. Komplikazzjoni oħra hi*

*NbNW xejn ma kienet trasparenti dwar (i) kif ġie individwat ix-Xerrej Propost u kif saru n-negozjati li wasslu għall-offerta; (ii) għaliex saret rabta kuntrattwali max-Xerrej Propost li, skont ma ntqal, wasslet biex ma ġietx aċċettata l-offerta, prima facie ħafna aħjar, ta' MSC; u (iii) in-negozjati li wasslu biex MSC irtirat l-offerta u l-oġġezzjoni tagħha (li, preżumibbilment, hi kienet involuta fihom).*

*23. Mil-lat l-ieħor: a. L-offerta ta' MSC diffiċilment tinftiehem fid-dawl tal-istimi mressqa minn NbNW – li l-qorti m'għandha ebda raġuni tiddubitahom - jekk mhux għaliex kien hemm raġunijiet għaliha li nżammu mistura.10 b. L-istimi li tressqu minn AM Asia ma jistgħux jitqiesu li jagħtu valur reali talbastiment, billi – kif jidhu huma stess - huma desktop valuations li ma qiesux l-istat attwali tal-bastiment.*

*24. Hemm ukoll (i) prova, jew inferenza, negattiva: li, apparti l-offerta – ġenwina jew mod ieħor – ta' MSC, ma tressqet l-ebda offerta oħra matul dawn il-proċeduri, lanqas minn AM Asia, li tidher li hi l-parti li għandha l-iktar interess; u (ii) iċ-ċirkostanzi pjottost singolari li fihom jinstab il-bastiment.*

*25. Fiċ-ċirkostanzi li (i) l-offerta tax-Xerrej Propost taqa' fil-parametri tal-istimi li l-qorti jidhrilha li għandha toqgħod fuqhom; (ii) hemm ħtieġa, fl-interess tal-kredituri, li lbastiment jinbiegħ malajr kemm jista; jkun; (iii) l-offerta ta' MSC ġiet irtirata; (iv) ilbastiment jinstab b'qagħda mwiegħra; (v) il-bastiment jista' jinbiegħ biss taħt blawtorizzazzjoni tal-qorti; u (vi) in-nuqqas ta' offerta aħjar, il-qorti tqis li l-prezz offrut hu wieħed raġonevoli.*

*26. Il-qorti sejra għalhekk tilqa' t-talba.*

**23.** *Illi ghalhekk tenut kont tal-fatti u tac-cirkostanzi kollha, huwa evidenti u car daqs il-kristall li l-mod kif gie ntavolat il-mandat odjern, specjalment tal-fatt li gie ntavolat ftit sieghat wara li gie pronunzjat id-digriet tas-27 ta' Dicembru 2024 fejn gie awtorizzat il-bejgh privat tal-bastiment huwa wiehed abbusiv u frivolu ghall-ahhar;*

***C. Eccezzjonijiet dwar il-Mandat***

**24.** *Illi fl-ewwel lok, l-esponenti jeccepixxu n-nullita' tal-mandat odjern u dan ghal-iex dato ma non concesso, il-mandat odjern kellu jigi ntavolat qabel ma kien hemm id-decizjoni tas-27 ta' Dicembru u mhux wara. Fil-fatt l-Artikolu 829 tal-Kapitlu 12 jipprovdi specifikament is-segwenti:*

***829. Kull persuna tista', mingħajr ma hu meħtieġ li <u>qabel ikun hemm deċiżjoni</u>,*** *tqiegħed fiż-żgur il-jeddijiet tagħha bil-mezz ta'wieħed jew iżjed mill-atti kawtelatorji hawn taħt imsemmija, illi,wara li jiġu mħarsa minn dik il-persuna l-kondizzjonijiet li jrid danil-Kodiċi, jiġu maħruġa u esegwiti taħt ir-responsabbiltà tagħha.*

***Ghalhekk l-esponenti jinsistu illi apparti l-mandat odjern gie ntavolat b'mod abbusiv, frivolu u vessatorju ghaliex huwa ntiz biss biex itawwal proceduri li gia gew decizi kemm fl-ewwel istanza kif ukoll fl-appell, l-***

***istess mandat odjern qieghed jipperikola s-sitwazzjoni attwali tal-bastiment li din l-istess Qorti ftit tal-gimghat ilu rrikonoxxiet li l-bastiment huwa f'qaghda prekarja u qed jiddeterjora u ghalhekk hemm periklu imminenti u jehtieg li jinbiegh malajr!***

**25.** *Illi fit-tieni lok, l-esponenti umilment jissottomettu illi din il-Qorti kif diversament preseduta u permezz tad-digriet moghti fis-27 ta' Dicembru 2024, awtorizzat il-bejgh privat tal-bastiment. Tkun sitwazzjoni pjuttost inkwetant li din l-istess Qorti issa timpedixxi l-istess bejgh semplicement ghaliex ir-rikorrenti ntavolat il-mandat odjern abbazi ta' proceduri kostituzzjonali li gew intavolati lejliet is-smiegh tal-proceduri tal-bejgh privat! Ir-rikorrenti ilha ssegwi l-proceduri in rem li kien hemm quddiem il-Qrati Maltin sa minn Ottubru tas-sena 2023 u kien biss ftit jiem ilu li ntavolat il-mandat odjern biex tkompli tabbuza bis-sistema gudizzjarja Maltija! L-agir taghha huwa censurabbli specjalment meta wiehed jikkunsidra l-periklu li l-bastiment, l-ekwipagg u l-ibhra Maltin qed jiffaccjaw a kawza tal-qaghda prekarja tal-bastiment innifsu! Ta' min jerga' jissottolinea illi r-rikorrenti stess arrestat il-bastiment propjeta' taghha – allura fejn jaqblilha tghid li l-Artikolu 742D jiksru d-drittijiet taghha pero' min naha l-ohra tinsab komda tarresta hi stess l-istess bastiment u tiddikjara fl-istess mandati li r-rekwiziti tal-Artikolu 742D qed jigu sodisfatti! Kontradditorja u abbusiva ghall-ahhar!*

**26.** *Illi dwar il-proceduri kostituzzjonali, l-esponenti ghadha m'hijiex edotta dwarhom pero' qed jigi ddikjarat illi dawn ser jigu kkontestati quddiem il-fora appozita fl-intier taghhom!*

**27.** *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti umilment jissottomettu wkoll illi r-rekwiziti tal-Artikolu 831 tal-Kapitlu 12 wkoll ma gewx sodisfatti mir-rikorrenti u dana stante li l-origini u x-xorta tal-allegat debitu u jew l-allegat pretensjoni ma gewx indikati fil-mandat odjern. L-esponenti jzommu ferm mal-eccezzjoni tan-nullita' hawn indikata u jinghad ulterjorment illi l-fatt li gew in-tavolati proceduri kostituzzjonali u l-mandat odjern ben sena wara li r-rikorrenti ilha ssegwi l-proceduri kollha in rem li saru fil-konfront tal-bastiment meta hija stess arrestat ukoll il-bastiment propjeta' taghha turi bic-car kemm it-talba ghall-hrug tal-mandat odjern hija fazulla w abbusiva!*

**28.** *Illi dwar is-suespost, l-esponenti jirreferu ghad-digriet moghti fis-27 ta' Dicem-bru 2016 fl-Atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni 1740/16/1LM fl-ismijiet:* ***Marica Cassar vs Universal Publicity Services Limited et.,*** *fejn din l-Onorabbli Qorti kif diversament preseduta rriteniet is-segwenti:*

*Illi skont l-Artikolu 873(2) tal-Kap. 12, il-Qorti m'għandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li r-rikorrent prima facie jidher li għandu dawk il jeddijiet. Illi jirriżultaw minn dan l-artikolu tliet presupposti għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni:*

*(1) ikun sejjer isir xi att li jista' jkun ta' preġudizzju ta' xi jedd tar-rikorrenti : il periklu jkun għad-dritt fiż-żmien meħtieġ biex jinkiseb pronunzjament fil mertu, l-hekk imsejjaħ periculum in mora.*

*(2) iż-żamma tal-imsemmi att tkun meħtieġa biex jiġi mħares dan il-jedd : tenut kont tal-fatt illi s-subinċiż (2) huwa marbut mas-subinċiż (1) tal-Artikolu 873, il Qorti trid tqis ukoll l-element tal-grad ta' preġudizzju. Rikonoxxut il-jedd prima facie tar-rikorrenti, l-grad ta' preġudizzju rikjest bħala bażi ta' akkordar ta' ħruġ ta' mandat, hu preġudizzju "li ma jkun jista' jiġi irrimedjat". Irid jingħad ukoll jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa, imqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ l-mertu, jiġi nieqes dan l-element meħ eġ għall ħruġ tal-Mandat. Apparti minn dan, ħsara jew preġudizzju ma titqiesx bħala irrimedjabbli meta si tratta ta' telf pekunjarju ċjoè telf ta' qligħ jew flus. Di fatti, skont l-insenjament mogħti fid-digriet finali fl-ismijiet Francis Barbara et vs. Carmelo Barbara et deċiża fit-13 ta' Mejju, 2014, per Onor. Imħallef J.R.Micallef:*

*"Tqis illi huwa ukoll miżmum li il-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni ma jingħatax ġeneralment fejn il-pretensjoni ta' min jitolbu tkun waħda li tirreferi għal kumpens kwantifikabbli u ħlas ta' danni meta dan jista' jitħares b'rimedju proċedurali kawtelatorju ieħor skont il-liġi".*

*(3) ikun jidher prima facie li r-rikorrent għandu dak il-jedd: prima facie bħala rekwiżit meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat. Irid għalhekk, ikun jedd, anke jekk prima facie, biex jimmerita ħarsien. Mhux biżżejjed li jkun sempliċi diffikultà, disaġju jew tħassib.*

*Dwar il-prova tal-jedd prima facie, l Qorti tal-Appell, fis-sentenza tagħha tal-14 ta' Lulju, 1988 fil-kawża Sonia Grech pro et noe vs. Stephanie Manfré (Kollez. Vol. LXXII.II.295) irriteniet is segwenti: "... huwa rekwiżit oġġettiv u mhux soġġettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-ġudikant, jew il-jeddijiet jidhru prima facie, mal-ewwel daqqa t'għajn, jew ma jidhru xejn, għall-finijiet tal-ħruġ tal-mandat."*

*Illi jingħad ukoll illi l-fatt li tintlaqa' talba għall-ħrug tal-Mandat, ma jfissirx li l jedd ikun ippruvat. Kif daqstant ieħor ma jfissirx, illi għax talba għall-ħruġ ta' Mandat ma tintlaqax, allura l-jedd pretiż ma jeżistix. Mhux il-kompitu tal-Qorti fl-atti tal-Mandat tara jekk il-jedd pretiż hux suxxettibbli għal suċċess fl-azzjoni fil-mertu, iżda biss jekk il-jedd pretiż jikkwalifikax bħala tali għall-finijet oġġettivi tal-liġi. Illi kulma hu meħtieġ, u fl-istess ħin huwa biżżejjed, għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni, li jkun hemm fumus boni iuris. Huwa loġiku li billi l-mandat ta' inibizzjoni huwa att kawtelatorju li jrid jinħareġ qabel ma jiġi aċċertat min għandu raġun, il-mandat jinħareġ favur dak li "jidher" (fi kliem l-istess liġi) mal ewwel daqqa t'għajn li għandu raġun. Iġifieri b'mod verosimili jew plawsibbli, fi kliem ieħor b'mod li jitwemmen jew ikun kredibbli. Dan min-naħa l-waħda jeskludi pretenzjonijiet li huma frivoli jew assurdi, jew saħansitra fejn hemm mera possibbiltà u min-naħa l-oħra jeskludi l-ħtieġa li l-pretenzjoni jkollha probbabilità kbira li tintlaqa'. Dan hu konformi maċ-ċirkostanza li proċedura ta' din ix-xorta hija intiża sabiex tkun sommarja, billi mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dan, kulma jmissu jitressaq quddiemha, waqt is-smigħ tal-kawża dwar il-jedd. Dan billi fil-proċess dwar il-mertu, l-iskop hu li jiġi aċċertat x'inhu d-dritt fil-każ konkret, filwaqt li l-iskop tal-proċess għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni għandu biss il-funzjoni strumentali li jikkawtela pretenzjoni ta' dritt, anke jekk din tista' ma tkunx fondata, sakemm ikun hemm pronunzjament ġudizzjarju dwar jekk hix tabilħaqq fondata fid-dritt jew le. Mal-imsemmija tliet elementi espliċitament imsemmija mil-liġi, jistgħu jiżdiedu oħrajn, bosta minnhom elaborati mill-ġurisprudenza:*

*(4) Il-Mandat ta' Inibizzjoni huwa meqjus bħala mezz proċedurali ta' natura eċċezzjonali. Ara Charles Mugliett vs. Saviour Bonnici mogħti fil-25 ta' Jannar, 2005 per Imħallef Joseph R. Micallef : "il-ħarsien li l-liġi qiegħda timmira għalih bi proċediment bħal dak tal-lum huwa li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu r-rikorrent jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli. Dan ma jfissirx li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni tintlaqa', ikun ifisser li l-jedd huwa ppruvat. Bħalma lanqas i sser li l fa li talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak ma ntlaqax ikun i sser li l-jedd pre ż ma jeżis x. It- ix li trid tagħmel il-Qor huwa dak jekk, bl-għamil li minnu qiegħed jibża' r-rikorrent, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li għandu filwaqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-Mandat."*

*(5)* ***"Ir-rabta ta' Mandat ta' Inibizzjoni m'għandhiex tintuża bħala arma ta' theddid jew ġegħiel (arm twisting) lill-parti intimata li, jew tagħmel dak li tixtieq il-parti rikorrenti jew ma tagħmel xejn. B'dan il-mod, il-mandat ma jibqgħax għodda li tħares il-jedd prima facie tal-parti rikorrenti, imma ssir sarima li żżomm lil parti intimata milli tgawdi l-jeddijiet tagħha. Il-Qorti hi ta fehma li qatt ma kienet ir-rieda tal-liġi li l-Mandat ta' Inibizzjoni jinbidel f'arma bħal din****." Ara Avukat Dr John Gauci vs. Direttur tal-Kuntratti, Prim Awla, 18 ta' Lulju, 2008.*

*(6) Ir-rekwiżiti għall-ħruġ tal-Mandat huma kumulattivi mhux alternattivi. Għalhekk jekk xi wieħed minnhom ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it talba għall-ħruġ tal-Mandat.*

**29.** *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti wkoll jecepixxi n-nullita' tal-mandat odjern stante li din l-Onorabbli Qorti ma tistax tohrog mandat kontra persuna li tkun nghatat kariga ufficjali ai termini tal-Artikolu 873(3) tal-Kapitlu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Terga' ssir referenza ghad-digriet moghti fis-27 ta' Dicembru 2024 fejn din il-Qorti kif diversament preseduta, apparti li awtorizzat il-bejgh privat tal-bastiment, innominat lill-Avukat Dottor Larry Gauci biex jit-trasferixxi l-bastiment daqslikieku kien is-sid tal-bastiment li wkoll inghata l-Awtorita' biex jiffirma l-bill of sale favur ix-xerrej hemm indikat. Kopja tar-rikors bit-talbiet kif dedotti ghall-bejgh privat qed jigi hawn anness u mmarkat bhala* ***Dokument 'E'****. Ghalhekk isegwi illi l-awtorita' kif moghtija minn din l-Onorabbli Qorti ma tista' qatt tigi milquta bil-mandat odjern liema ordni tibqa' valida ghal-iex jekk ma tigix ezegwita, jigi kkawzat disprezz lejn l-Awtorita' ta' din l-istess Qorti. Ghalhekk ukoll il-mandat odjern huwa null u ghandu jigi revokat mill-iktar fis;*

**30.** *Illi dwar l-allegazzjonijiet l-ohra mnizzla fl-istess mandat, dawn qed jigu respinti bil-qawwa ghaliex huma nfondati fil-fatt u fid-dritt. Il-fatt li l-esponenti hija sug-getta ghall-proceduri ta' stralc gewwa l-Germanja m'huma tal-ebda relevanza ghall-proceduri odjerni pero' ghandu jinghad illi l-proceduri ta' stralc huma ri-zultat dirett tas-sanzjonijiet li laqtu lir-rikorrenti li kisru diversi sanzjonijiet inter-nazzjonali bl-operat illegali taghhom u li kawza t'hekk, il-bastiment ukoll spicca ffrizat mill-Istat Malti meta l-istess bastiment kien bareboat chartered lill-espo-nenti. Ghalhekk, ir-rikorrenti messha tevalwa sew is-sanzjonijiet li laqtuha qabel ma tressaq allegazzjonijiet ta' certu portata fil-konfront taghha!*

*Ghalhekk u in vista tan-natura straordinarja tal-kaz odjern, inkluz tal-fatt li s-sidien huma milquta b'divrsi sanzjonijiet internazzjonali u li l-bastiment esponenti huwa ffrizat mis-Sanctions Monitoring Board, l-esponenti umilment*

*jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tichad b'mod definittiv it-talba ghall-hrug tal-mandat t'inibizzjoni odjerna u tirrevoka l-ordni provvizorja moghtija fis-27 ta' Dicembru 2024.*

Rat ir-**Risposta** ta' **North by North West GmbH** tad-9 ta' Jannar 2025 (fol 82) li tgħid hekk:

*Illi l-esponenti ġiet notifikata bil-mandat ta' inibizzjoni odjern intiż biex iżomm l-Intimati milli jipprocedu bl-bejgh privat u approvat mill-Qorti tal-bastiment MSC Valencia u milli jaghmlu kwalunkwe att li jikkonduci ghall-istess bejgh u dana sa kemm jigu decizi l-proceduri kostituzzjonali mressqa mir-rikorrenti kontra l-Intimati f'dawn il-proceduri [u kontra l-Avukat tal-Istat]*

*Illi bil-preżenti l-esponenti qiegħda tikkontesta din it-talba u qed tressaq din ir-risposta, , fejn tibda billi tagħti lil din l-Onorabbli Qorti l-isfon li wassal għal dawn il-proċeduri, u tgħaddi biex tindirizza u tirribatti r-raġunijiet u l-argumenti kollha mressqa mir-rikorrenti. Matul din ir-risposta, din l-Onorabbli Qorti se ssib referenzi abbundanti għad-dokumenti li jinsabu fl-atti tar-Rikors bin-Numru 1258/2024 HM fl-ismijiet NORTH BY NORTHWEST GMBH vs IL-BASTIMENT "MSC VALENCIA" (Prim'Awla tal-Qorti Ċivili), u għalhekk ikun xieraq li dawn l-atti jiġu allegati mar-rikors odjern sabiex din il-Qorti jkollha dawn id-dokumenti kollha quddiemha;*

*Illi qabel xejn, jigi rrilevat illi l-Avukat Dr Adrian Camilleri m'huwiex il-mandatarju tas-socjeta' Intimata MS "Malta II" Schiffahrts GmbH & Co. KG u ghalhekk dan gie ndikat b'mod erronju fl-okkju tar-rikors promotur u s-socjeta' rikorrenti ghandha ghalhekk tirregola ruhha f'dan ir-rigward;*

***<u>Fatti tal-Każ</u>***

1. *Illi s-socjeta' esponenti hija kreditriċi munita b'titolu eżekuttiv fil-konfront tal-bastiment intimat "MSC Valencia" (IMO 9301471), fl-ammont globali ta' miljun, disa' mija u wieħed u tletin elf, tlett mija u tlett ewro u tnejn u għoxrin ċenteżmu (Eur1,931,303,22c) bl-ispejjeż ġudizzjarji kollha kontra l-bastiment intimat, inkluż dawk tal-mandat ta' arrest bin-numru 2037/2023, u bl-imgħax dekorribbli sad-data tal-pagament effettiv;*

2. *Illi dan it-titolu ezekuttiv jemani minn sentenza li nghatat mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili datata l-ewwel (1) ta' Dicembru 2023 b'numru ta' referenza 1268/23 fl-ismijiet North by Northwest GmbH vs Il-Bastiment "MSC Valencia" (IMO 9301471) u sussegwentement kkonfermata mill-Qorti tal-Appell fit-3 ta' Ottubru 2024 fis-sentenza fl-istess ismijiet u bin-numru ta' referenza 1268/23/1;*

3. *Illi ghalhekk is-soċjetà esponenti kisbet titolu eżekuttiv ai termini tal-Artikolu 253 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Kopji taż-żewġ sentenzi ġew annessi mar-rikors promotur fl-atti tal-kawża bin-numru 1258/2024 HM fl-ismijiet NORTH BY*

*NORTHWEST GMBH vs IL-BASTIMENT "MSC VALENCIA" bħala* ***Dok A*** *u* ***Dok B****;*

4. *Illi s-soċjetà esponenti kienet kkawtelat il-pretensjoni tagħha bil-ħruġ tal-Mandat ta' Arrest Kawtelatorju bin-Numru 2037/2023 kontra l-bastiment MSC Valencia mahrug fl-26 ta' Ottubru 2023 u dan il-mandat ġie kkonvertit għal wieħed eżekuttiv permezz ta' nota ppreżentata mir-rikorrenti ai termini tal-Artikolu 838B tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta (ara kopja tal-mandat u tan-nota konverżjoni ġew annessi mar-rikors promotur fl-atti tal-kawża bin-numru 1258/2024 HM fl-ismijiet NORTH BY NORTHWEST GMBH vs IL-BASTIMENT "MSC VALENCIA" bħala* ***Dok C*** *u* ***Dok D*** *rispettivament;*

5. *Illi sussegwentament is-socjeta' esponenti, munita b'tali titolu ezekuttiv kontra l-bastiment MSC Valencia, talbet lill-Prim'Awla tal-Qorti Civili sabiex tapprova l-bejgh tal-bastiment MSC Valencia lill-Intimata MS "Malta II" Schiffahrts GmbH & Co. KG liema bejgh gie approvat permezz ta' digriet datat 27 ta' Dicembru 2024 a tenur tal-artikli 358 sa 364 tal-Kap. 12, u dana wara li l-partijiet kollha interessati, inkluz s-socjeta' rikorrenti, ippartecipaw fl-imsemmija proceduri u inghataw l-opportunità li jinstemghu mill-Qorti kemm b'sottomissjonijiet orali matul l-udjenza mizmuma fis-6 ta' Dicembru 2024 u b'sottomissjonijiet bil-miktub dwar dina t-talba u wara li l-istess Qorti rat illi r-rekwiziti stabbiliti fil-ligi sabiex dan il-bejgh jigi approvat, gew debitament sodisfatti ((ara Rikors bin-Numru 1258/2024 HM fl-ismijiet NORTH BY NORTHWEST GMBH vs IL-BASTIMENT "MSC VALENCIA")*

6. *Illi dakinhar stess illi l-Qorti ippronunzjat ruhha permezz tal-provvediment moghti fis-27 ta' Dicembri 2024, is-socjeta rikorrenti intavolat dan il-mandat odjern mill-istess socjeta' rikorrenti biex proprju tiffrustra l-ezekuzzjoni tal-bejgh kif ordnat mill -Qorti permezz tal-imsemmi provvediment;*

***L-Azzjoni in Rem; It-Titolu Ezekuttiv u l-Bejgh Privat Approvat mill-Qorti***

7. *Illi l-kawża li kienet giet ipprezentata mis-socjeta' esponenti u li giet finalment deciza mill-Qorti tal-Appell fit-3 ta' Ottubru 2024, kienet infetħet bil-proċedura sommarja taħt l-Artikolu 167 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;*

8. *Il-kawza saret in rem kontra l-bastiment u dana ai termini tal-Artikolu 742B tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li jgħid li l-Qrati tagħna għandhom ġurisdizzjoni in rem kontra l-vapur għal kull pretensjoni msemmija fl-istess artikolu;*

9. *Illi fil-fatt, hekk kif premess fl-istess kawza, effettivament kien gie lilha assenjat kreditu kontra l-bastiment MSC Valencia rapprezentanti hlas ta' bunkers provduti lill-bastiment ghall-operat tieghu stess;*

10. *Illi apparti minn hekk, ta' importanza kbira sabiex tali azzjoni tingieb 'il quddiem b'success, huwa dak li jiddisponi l-Artikolu 742D tal-Kap 12 fejn l-azzjoni tista'*

*ssir direttament kontra l-vapur BISS* ***fejn il-persuna relevanti meta nħolqot il-kawża għall-azzjoni kienet is-sid jew nolleġġatur, jew kellha fil-pussess u kontroll tagħha l-vapur, jekk fiż-żmien meta tinġieb l-azzjoni l-persuna relevanti tkun sid jew nolleġġatur taħt bareboat charter tal-vapur****.*

11. *Illi fil-kaz odjern ma hemmx dubbju (u dan gie accertat u kkonfermat fis-sentenzi tal-Qorti li jirrigwardjaw l-esponenti) li l-bareboat charterer tal-bastment kienet il-persuna relevanti meta inħolqot il-pretensjoni u kienet l-istess bareboat charterer tal-bastiment meta ngiebet l-azzjoni mis-socjeta' esponenti* ***u fil-fatt sal-lum, dan ghandu ma tnehhiex mis-socjeta' rikorrenti u s-soċjetà intimata MS "MSC Valencia" Schiffahrtsgessellschaft mbH għadha kkunsidrata l-bareboat charterer tal-bastiment.***

12. *Illi huwa ben stabbilit fil-ligi tal-Ammiraljat illi hemm numru ta' pretensjonijiet specifiki u esklussivi li jwasslu ghal azzjoni diretta kontra l-vapur izda fil-ligi nostrana nsibu wkoll dan li huwa msejjah it-two tier test stabbilit mill-artikolu 742D tal-Kap 12, li fil-kaz odjern,* ***<u>KIEN GHAL KOLLOX DETERMINABBLI MID-DECIZJONI UNILATERALI TAS-SID</u>****. Dan qed jinghad ghaliex kieku is-Sid ddecieda jwaqqaf il-bareboat charter agreement hekk kif kellu d-dritt li jaghmel, l-esponenti u l-kredituri l-ohra qatt ma setghu jiehdu azzjoni kontra l-bastiment Intimat u dana ghaliex ma kienx ikun sodisfatt ir-rekwizit taht dan l-artikolu. Izda jinghad illi s-sid mhux tali ma hax passi sabiex jittermina l-bareboat charter agreement dak iz-zmien, talli dan ghadu in vigore sal-lum il-ġurnata;*

13. *Illi dan l-agir huwa attribwibbli biss lis-socjeta' rikorrenti qua sid-il bastiment li wassal ukoll sabiex hi ma jkollhiex ir-rapprezentanza tal-bastiment de quo hekk kif ben spjegat fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-3 ta' Ottubru 2024 (***Dok B*** *anness mar-rikors promotur fl-atti tal-kawża bin-numru 1258/2024 HM) – din kienet decizjoni unilaterali taghha u certament issa, f'dan l-istadju, ma tistax tipponta subgħajha lejn l-Istat jew lejn il-partijiet l-ohra minhabba l-ghazliet taghha stess;*

14. *Illi ta' min jinnota wkoll illi dan ma kienx kaz fejn is-socjeta' rikorrenti ma nghatatx widen sabiex tipprova tiddefendi l-bastiment - hi sahansitra intavolat appell ghan-nom tal-bastiment [wara s-sentenza tal-Prim'Awla tal-1 ta' Dicembru 2023] u l-Qorti tal-Appell ddecidiet li tichad dak l-appell ghar-ragunijiet moghtija f'dik l-istess sentenza fis-sens illi effettivament, gjaladarba ir-rekwiziti ghall-azzjoni in rem kienu gew debitament issodisfatti u in oltre gie stabbilit li l-bastiment kien irrapprezentat minn min fic-cirkostanzi, seta' jirrappreżżentah skont il-ligi, u ghalhekk ghaddiet sabiex tichad l-istess appell. Hi ukoll inghatat widen fil-proceduri ghall-bejgh privat tal-bastiment fejn ghamlet sottomissjonijiet kemm bil-fomm u kemm bil-miktub.*

15. *Illi jinghad ukoll illi l-artikoli fil-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta dwar il-bejgh privat u approvat mill-Qorti ossia l-artikoli 358 sa 364 tal-istess Kap 12 assolutament m'humiex lezivi ghad-drittjiet tas-socjeta' rikorrenti u dana in kwantu dawn jaghtu setgha lill-Qorti, fuq talba ta' kreditur munit b'titolu ezekuttiv kontra*

*bastiment, li tapprova l-bejgh tal-istess bastiment lil terza persuna li tkun ghamlet offerta ta' prezz ragjonevoli [fid-dawl ta' zewg stimi indipendenti li ghandhom jigu pprovdu mill-kreditur lill-Qorti] u li jkun fl-interess tal-kredituri tal-bastiment li dan il-bejgh isir, hekk kif sehh fil-kaz odjern;*

16. *Illi dak kollu li wassal ghall-bejgh privat u approvat mill-Qorti sar skont il-ligi u l-pożizzjoni li tinsab fiha llum s-socjeta' rikorrenti huwa biss frott ghemilha ghaliex hi kellha s-setgha legali li tigbed it-tapit taht saqajn il-kredituri, u dan m'ghamlitux.*

17. *Illi in oltre, tezisti kontradizzjoni palezi bejn l-agir tas-socjeta' rikorrenti quddiem Qrati ohra u dak quddiem din l-Qorti, li skont l-esponenti, tesponi l-posizzjoni abbuziva tal-istess socjeta' rikorrenti.*

18. *Illi dana qed jinghad ghaliex skont ma jirrizulta mill-mandati t'arrest kawtelatorji (Mandat ta' Arrest Nru 1679/2024 ISB tas-16 ta' Ottubru 2024 anness bħala* ***Dok N-001,*** *u Mandat ta' Arrest Nru 1868/2024 HM tal-11 ta' Novemrbu 2024 anness bħala* ***Dok N-002*** *is-socjeta' rikorrenti invokat dawn l-stess artikoli tal-ligi sabiex titlob l-arrest tal-bastiment taghha stess abbazi tal-fatt li l-bareboat charterer tal-bastiment MSC Valencia ma hallasx il-charter hire dovut. L-esponenti ghandhom rizervi kbar dwar il-legalita ta' dan il-mandat ghaliex huwa guridikament inkoncepibbli illi sid ta' bastiment jikkawtela kreditu pretiz fil-konfront ta' bareboat charter ghall-hlas ta' hire bl-arrest tal-bastiment li huwa proprjetà tieghu stess. Fi kwalunkwe każ u ghall-finijiet tas-sottomissjoni odjerna, is-socjeta rikorrenti ma tistax tippretendi li hija ntitolata ghall-protezzjoni tal-Qorti a bazi tal-argument illi l-ligijiet in kwistjoni huma lezivi ghad-drittijiet fondamentali taghha meta hija stess tirrikorri ghall-istess rimedji civili sabiex tikkawtela il-pretensjonijiet taghha fil-konfront tal-istess bareboat charterers.*

19. *Illi ghalhekk is-socjeta' esponenti minn banda wahda ghazlet li tarresta l-bastiment taghha stress in rem abbazi tal-pretensjoni taghha kontra l-bareboat charterer u minn banda l-ohra issa qed tallega illi l-fatt illi s-socjeta' esponenti ghamlet l-istess (dejjem skont il-ligi) huwa bi ksur tad-drittijiet fundamentali taghha – dan huwa ghal kollox kontradittorju;*

*Dana kollu fid-dawl tal-Art 1 tal-Ewwel Protokol; l-Artikolu 39 tal-Kostituzzoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenjzoni;*

20. *Kif gja ntqal, skont il-ligi tal-Ammiraljat, hemm numru ta' pretensjonijiet stabbiliti mill-ligi (fil-kaz taghna mill-artikolu 742B tal-Kap 12) li huma dovuti mill-bastiment per se, u dana indipendentement minn min jinkorri tali debitu, sewwa jekk ikun is-sid stess jew nolleggjatur tal-bastiment b'dan illi irid ikun sodisfatt ukoll ir-rekwiziti skont l-artikolu 742D, hekk kif sehh fil-kaz odjern.*

21. *Illi f'dan l-istadju lanqas jista' jigi eskluz illi l-pretensjonijiet tal-esponenti u dawk ta' kredituri ohra jistghu jitqiesu bhala privilegg specjali a tenur tal-art. 50 tal-Kap. 234, f'liema kaz is-sidien tal-bastiment ma ghandhom ebda difiza skont il-*

*ligi ghaliex huwa principju assodat illi dejn privileggjat isegwi u jaggrava l-bastiment in kwistjoni lilhinn minn kawlunkwe kwistjoni koncernanti responsabbilita kuntrattwali jew in personam. Naturalment il-gradwazzjoni ta' dawn il-krediti u jekk jikkostitwux krediti privileggjati ssir eventwalment fuq ir-rikavat tal-prezz izda f'dan l-istadju ma jistax jigi eskluz illi effettivament dawn il-krediti huma krediti privileggjati ukoll oltre li huma krediti in rem, f'liema kaz ir-rikorrenti ma ghandhom jkollhom l-ebda protezzjoni minn dina l-Qorti bil-hrugtal-mandat ta' inibizzjoni kif propost;*

22. *Illi ghalhekk isegwi illi l-inforzar da parti ta' kreditur ta' pretensjoni in rem stabbilit fil-ligi kontra bastiment m'huwiex bi ksur tal-Art 1 tal-Ewwel Protokoll, diment illi l-pretensjoni tkun wahda valida u bbazata fuq il-ligi, bhalma huwa fil-kaz odjern;*

23. *Illi bid-dovut rispett l-obbligi tal-Istat huma fis-sens oppost ta' dak li qegħda tikkontendi r-rikorrenti. Dan id-dritt jintuża fil-kuntest ta' proċeduri ta' infurzar ta' sentenza kemm kontra l-Istat kif ukoll kontra debitur privat bhal f'dan il-kaz. Dan ifisser, li l-Istat għandu obbligu pożittiv li jorganizza sistema għall-infurzar tas-sentenzi li tkun effettiva kemm fil-liġi kif ukoll fil-prattika, u li jiżgura li l-proċeduri stipulati fil-leġiżlazzjoni għall-infurzar ta' sentenzi finali jiġu osservati mingħajr dewmien mhux ġustifikat (Fuklev vs Ukraine, ECHR, Applikazzjoni Nru. 71186/01 , § 91). Dak li ghandna f'dan il-kaz procedura stipulati fil-ligi li gew segwiti rigorosament u fejn gew rispettati, fost ohrajn l-elementi tas-smiegh xieraq taht l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Jerga' jinghad li r-rikorrenti kellha mezz li twaqqaf dawn il-proceduri billi tittermina l-kuntratt tal-bareboat charter li kellha izda hija għazlet li ma titterminax u ssottoponiet lilha nnifisha ghall-procedura li hija skont il-ligi, cara u prevedibbli.*

24. *Illi l-Qorti hija mitluba tindaga l-ksur tal-Artikolu 1 Protokoll 1 meta rikorrent jilmenta dwar l-inkapaċità li jinforza sentenza tal-qorti favur tiegħu jew tagħha* ***u mhux*** *meta tal-Istat holoq mekkaniżmu taht tal-obbligi tieghu skont l-Artikolu 1 tal-Protokoll 1.*

25. *Illi n-nuqqas li tiġi żgurata l-infurzar ta' sentenza jew deċiżjoni tal-Qorti f'każ li jikkonċerna pretensjonijiet pekunjarji normalment jammonta għal ksur kemm tal-Artikolu 6 kif ukoll tal-Artikolu 1 tal-Protokoll Nru 1. L-Artikolu 6 (1) u Artikolu 39 jiggarantixxu lil kulħadd id-dritt ghas-smigh xieraq. Dan id-dritt ikun illużorju jekk is-sistema legali domestika tippermetti li deċiżjoni ġudizzjarja tibqa' mingħajr infurzar għad-detriment ta' parti waħda. L-Artikolu 6 (1) u Artikolu 39 jipproteġi l-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji u mhux in-nuqqas taghhom. L-eżekuzzjoni ta' sentenza mogħtija minn kwalunkwe qorti għandha titqies bħala parti integrali mill-"proċess" għall-finijiet tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni (Hornsby vs Greece, ECHR, Applikazzjoni Nru 18357/91, § 40; Burdov vs Russia, ECHR, Applikazzjoni Nru 59498/00, § 34). In-nuqqas ta' dawn il-principji kienu ghalhekk igibu ksur u mhux l-implimentazzjoni taghhom.*

*Illi fil-kaz ta Ljaskaj V. Croatia (ECHR, Applikazzjoni nru. 58630/11) datata 20 ta' Dicembru 2016 il-Qorti sostniet, 'The Court notes at the outset that the*

*enforcement proceedings in the present case concern a civil-law dispute between private parties. Relevant principles emerging from the Court's case-law in such type of cases are summarised in Anheuser-Busch Inc. v. Portugal ([GC], no. 73049/01, § 83, ECHR 2007-I), and, in more detail, in Zagrebačka banka d.d. v. Croatia (no. 39544/05, §§ 250-251, 12 December 2013)'. Dawn il-kazijiet jghidu li 'As its case-law bears out, the Court's task in the present case is therefore to assess whether the domestic courts' decision to sell the applicant's house was in accordance with domestic law and, if so, whether it was not arbitrary or manifestly unreasonable'. Dan huwa l-uniku test. Ma hemmx dubju illi l-azzjoni li ttiehdet mill-esponenti hija wahda skont il-ligi, mhix arbitrarja, ragjonevoli u proporzjonata tenut kont ukoll illi hawn si tratta ta' debitu ta' kwazi USD2M meta hemm ukoll numru ta' kredituri ohra tal-bastiment (inkluz l-esponenti stess li ghandha krediti ohra ulterjuri) li huma dovuti ghexirien ta' miljuni ta' Ewro mill-istess bastiment.*

*26. Illi fuq kollox ta' min jirrileva ukoll illi kemm is-sidien tal-bastiment u l-istess bastiment in kwistjoni huma milquta bis-sanzjonijiet internazzjonali hekk kif iddikjarat mill-Bord ta' Sorveljanza dwar is-Sanzjonijiet f'dikjarazzjoni ddatata 12 ta' Dicembru 2023 ) Avviz tal-Gvern nru 1742) ai termini tal-Artikolu 7(5)(b) tal-Att Dwar poteri li jsiru regolamenti fl-interess nazzjonali (Kap. 365 tal-Ligijiet ta' Malta) kif ukoll ir-regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014 tas-17 ta' Marzu 2014 dwar mizuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdghajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovrenità u l-indipendenza tal-Ukraina.*

*27. Illi minkejja l-projbizzjoni tal-bejgh jew kwalunkwe negozju iehor fuq il-bastiment in kwistjoni, il-Bord ta' Sorveljanza Dwar is-sanzjonijiet ippermetta l-bejgh guddizzjarju tal-bastiment. Jibqa' l-fatt pero illi f'sitwazzjoni fejn il-bareboat charterers ghaddejjin minn proceduri ta' insolvenza gewwa l-Germanja u s-sidien tal-bastiment huma milquta bl-imsemmija sanzjonijiet, kwalunkwe dewmien fl-ezekuzzjoni tal-ordni moghtija minn din il-Qorti fis-27 ta' Dicembru 2024 dwar il-bejgh tal-bastiment ser tkun ta' preġudizzju irrimeddjabbli lid-diversi kredituri tal-bastiment, b'dan illi necessarjament ser jizdiedu l-krediti sabiex il-bastiment jinzamm prezervat, liema krediti jigu inkorsi minn terzi u mhux mis-sidien u /jew mill-bareboat charterers oltre l-fatt illi kif jirrizulta mis-surveys tal-bastiment, jenhtieg li jsiru numru ta' interventi u tiswijiet sostanzjali fuq l-istess bastiment u kull dewmien ulterjuri mhux fl-interess ta' hadd.*

***<u>Rekwiziti ghall-hrug tal-mandat</u>***

*28. L-Artikolu 873 tal-kap. 12 espressament jipprovdi illi sabiex talba ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni tkun tista' tintlaqa' jenhtieg illi l-Qorti tkun sodisfatta :-*

*(i) Illi prima facie ir-rikorrent ghandu dawk il-jeddijiet;*

*(ii) Illi l-agir tal-intimat ikun ta preġudizzju lir-rikorrent; u*

*(iii) Illi l-mandat ikun mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent.*

29. *Illi huwa pacifiku illi r-rekwiziti huma kumulattivi u mhux alternattivi. Hija gurispridenza kostanti ta' dawn il-Qrati illi t-tielet rekwizit ghall-hrug tal-mandat ( li l-mandat ikun mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent) m'huwiex sodisfatt f'kaz illi l-pregudizzju soffert mir-rikorrent jista' jigi sanat bil-hlas ta' danni. Dan ghaliex ir-rikorrent ghandu l-ewwelnett igib prova illi l-hrug tal-mandat huwa tassew mehtieg – jekk ir-rikorrent jkollu rimedju eventwali permezz ta' kawza ghal danni ma jkollux jedd li jitlob il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni (ara per eżempju Pancontinental Oil & Gas NL et vs Il-Prim Ministru Et, Mandat ta' Inibizzjoni Nru 1669/11 JRM);*

30. *Illi huwa evidenti illi s-socjeta rikorenti qeghda titlob il-hrug tal-mandat sabiex twaqqaf il-bejgh tal-bastiment MSC Valencia hekk kif ordnat minn din il-Qorti bil-provvediment tas-27 ta' Dicemnru 2024 u dan sakemm jigu decizi l-proceduri kostituzzjonali fl-ismijiet "Av. Nicholas Valenzia nomine vs L-Avukat tal-iStat et" (Rikors Numru 553/2024 MH).*

31. *Illi essenzjalment is-socjeta rikorrenti qeghda tinvoka l-gurisdizzjoni ordinarja ta' dina l-Onorabbli Qorti bil-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni kif ikkontemplat fl-artikolu 873 tal-Kap. 12 in kawtela ta' proceduri kostituzzjonali quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-gurisdizzjoni spejali taghha Kostituzzjonali. Din il-procedura hija nulla ghaliex mhuwiex lecitu illi jintalab mandat quddiem il-Qorti ordinarja in kawtela ta' kawza dedotta quddiem il-Qorti fis-Sede Kostituzzjonali. Li kieku kellu jintlaqa' l-mandat kif propost, l-istess socjeta rikorrenti ma tissodisfax l-obbligu taghha li ssegwi l-istess mandat bil-kawza opprtuna fil-mertu una volta l-istess socjeta rikorrenti ghazlet li gja tiddeduci il-lanjanza taghha fil-mertu permezz ta' rikors kostituzzjonali.*

32. *Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, dina l-Qorti, fl-ezercizzju tal-gurisdizzjoni ordinarja taghha ma ghandhiex il-gurisdizzjoni li tohrog mandat ta' inibizzjoni in kawtela ta' lanjanza kostituzzjonali gja dedotta quddiem il-Prim' Awla fl-ezercizzju tal-gurisdizzjoni kostituzzjonali u specjali taghha.*

33. *Illi in sostenn ta' dan, kif gie ritenut minn dina l-Qorti diversament ippresjeduta fl-atti tal-Mandat ta' inibizzjoni Numru 1443/2020 GM fl-ismijiet Nicolai Gauci vs Eden Exports Limited*

*"…….Fit-tieni lok, kif sejra turi l-Qorti, m'hemmx ksur tal-Art. 81 u ghalhekk jibqa' l-Art. 402. Dan jipprovdi rimedju f'kaz ta' allegat agir oppressiv permezz ta' semplici rikors lill-Qorti sabiex tohrog ordni skont dak l-istess Artiklu, jew mill-membri inkella mir-Registratur tal-Kumpanniji. Billi hawn si tratta ta' ligi specjali li tirregola l-kumpanniji, intiza biex l-operat taghhom jigi agevolat u sabiex jitharsu d-drittijiet ta' kull min ikun membru jew kreditur ta' kumpannija, b'mod spedituz u konformi mal-htigijiet tad-dinja kummercjali, din tidderoga mil-ligi ordinarja. Il-legislatur meta johloq procedura specjali, implicitament ikun qieghed jesigi li tintuza dik il-procedura, hekk imfassla b'mod specifiku ghal dik is-sitwazzjoni partiklari u dan b'deroga ghall-istrument legali ta' natura generali. Ghalhekk huwa dan ir-rimedju li ghandu jigi adoperat u mhux il-mandat ta'*

*inibizzjoni, li terga' u tghid huwa minnu nnifsu procedura li ghandha tintuza b'mod eccezzjonali. Wara kollox, il-procedura taht l-Art. 402 mhux biss hija spedituza bhall-mandat ta' inibizzjoni imma wkoll mhix ta' konjizzjoni limitata bhall-procedura tal-mandat t'inibizzjoni. Ghalhekk tipprotegi ahjar l-interessi tal-membru minoritaju."*

34. *Illi fid-digriet datat l-4 ta' Ottubru, 2022 [Mandat ta' Inibizzjoni Numru 1212/2022/1 LM] fl-ismijiet: Av. Jean-Pie Gauci Maistre noe. Vs. Gulf Med Aviation Services (C74069) et, propju f'dan ir-rigward Il-Prim Awla Tal-Qorti Civili qalet hekk kif gej:*

*"Mill-atti jirriżulta illi r-rikorrenti intavolaw proċeduri fuq l-istess mertu quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kummerċ) a tenur tal-artikolu 402 tal-Kap. 386 [Rikors Numru 58/2022 ISB] fl-ismijiet 'Av. Jean-Pie Gauci Maistre nomine vs. Gulf Med Aviation Services et'], fejn fl-istess atti ta' dak ir-rikors saret talba permezz ta' rikors li ġie ppreżentat fit-8 ta' Lulju, 2022, fejn dik il-Qorti ntalbet li tagħti ordni ad interim sabiex proprju tappunta direttur fil-bord tad-diretturi ta' GMAS, u sabiex tordna lil Simon Camilleri biex jieqaf mill-allegat aġir abbużiv u illegali tiegħu, liema rikors għadu pendenti. Din il-Qorti tqis li la darba r-rikorrenti rrikorrew għal din il-proċedura speċjali fejn talbu wkoll li jingħataw ordnijiet kawtelatorji pendente lite, huma għandhom l-ewwel jeżawrixxu l-proċedura speċjali magħżula minnhom stess, u mhux jirrikorru għall-miżura kawtelatorja tal-mandat ta' inibizzjoni taħt il-liġi ġenerali tal-proċedura [il-Kap. 12]".....*

*Illi fid-digriet tagħha fl-ismijiet Tal-Ibraġġ Owners Association u l-Perit Joseph Cachia Fearne vs. Halland Developments Company Limited , din il-Qorti rritjeniet illi:*

*"Huwa evidenti li r-rikorrenti ma jistgħux jirrikorru għad-disposizzjonijiet ta' liġi ġenerali [il-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta] sabiex jidderogaw mill-parametri speċifiċi ta' liġi speċjali li minnha biss joħroġ il-jedd tar-rikorrenti li joġġezzjonaw għall-permessi in kwistjoni, u li ai termini tagħha biss jistgħu jikkawtelaw dak il-jedd skont il-proċedura kawtelatorja speċjali pprovduta taħt dak l-Att għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-permessi. Għaliex altrimenti l-prinċipju legali lex specialis derogat lex generalis ikun qed jinqaleb ta' taħt fuq."*

*Din il-Qorti tqis illi la darba r-rikorrenti ddeċidew li jirrikorru għall-proċedura speċjali taħt l-artikolu 402 tal-Kap. 386 quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kummerċ) li qegħda tisma' l-provi fil-mertu, fejn għamlu wkoll talba għal ordnijiet ad interim, liema talba għadha pendenti, għandha tkun dik il-Qorti li tiddeċedi dwar il-miżuri kawtelatorji mitluba pendente lite, liema Qorti hija wara kollox pożizzjoni aħjar li tagħmel dan. Din il-Qorti tafferma li m'għandhiex tintuża l-proċedura tal-mandat ta' inibizzjoni taħt il-liġi ġenerali tal-proċedura, b'antiċipazzjoni għad-deċiżjoni tal-Qorti li qed tisma' l-proċeduri ai termini tal-*

*artikolu 402 tal-Kap. 386, li għandha tiddeċiedi wkoll it-talba għal ordni ad interim.*

35. *Illi f'digriet iehor ricenti li nghata mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-atti tar-rikors għall-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni bin-numru 522/2024/1 MS fl-ismijiet: Tyke Holding Limited Vs. Absolute Holding Limited et, il-Qorti abbracjat dan l-istess insenjament fejn qalet is-segwenti:*

*Waqt it-trattazzjoni, d-difensur tar-rikorrenti sostna li minkejja li l-azzjoni fil-meritu se tkun taqa' fil-kompetenza tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kummerċ), il-kompetenza għall-ħruġ tal-atti kawtelatorji tibqa' vestita f'din il-qorti. Din il-qorti però ma taqbilx. Fid-deċiżjoni Victor Vella et vs. Brian Micallef et (26/6/2015), il-Qorti tal-Appell qieset applikabbli r-regoli tal-kompetenza rationae materiae anki fil-kuntest ta' atti kawtelatorji. F'din id-deċiżjoni, li kienet tirrigwarda l-kompetenza tal-Bord li Jirregola l-Kera dwar il-ħruġ t'atti kawtelatorji, ġie deċiż li dak il-Bord għandu s-setgħat neċessarji sabiex jakkorda atti kawtelatorji. Dan jgħodd aktar u aktar għall-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kummerċ), li għaliha jgħoddu direttament u bl-istess mod kif jgħoddu għal din il-qorti d-dispożizzjonijiet kollha tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.*

36. *Illi ghalkemm il-ligi taghna ma taghtix espressament il-fakolta' lill-Qorti li tohrog interim orders pendenti s-smiegh ta' kawzi dwar ksur tal-jeddijiet fundamentali tal-bniedem, b'danakollu, il-gurisprudenza taghna tqis li din is-setgha hija moghtija b'mod implicitu mid-dicitura tal-Art. 46 (2) tal-Kostituzzjoni li effetivament jaghti l-fakolta u s-setgha lill-Qorti fl-ezercizzju tal-gurisdizzjoni kostituzzjonali li "taghmel dawk l-ordinijiet, tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tizgura t-twettieq ta' kull wahda mid-disposizzjonijiet tal-imsemmija artikoli 33 sa 45 maghdudin)". L-istess kliem huwa ripetutu fl-Art. 4 (1) tal-Kap. 319. Ghalhekk huwa pacifiku li hija l-Qorti fl-ezercizzju tal-gurisdizzjoni kostituzjonali taghha li ghandha s-setgha li tordna rimedji mhux biss fil-mument ta' pronunzja tas-sentenza imma wkoll qabel. Izda jekk dik il-Qorti tintalab sabiex taghti rimedju qabel, dan ghandu jsir permezz ta' rikors jew talba ad hoc f'dawl il-proceduri kostituzzjonali u mhux bil-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni a tenur tal-Art. 873 tal-Kap. 12 u quddiem din il-Qorti fl-ezercizzju tal-gurisdizzjoni ordinarja taghha.*

37. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost t-talba ghall-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni ghandha tigi michuda minnufih ghaliex tmur kontra n-normi tal-ordni pubbliku u senjatament tmur kontra l-ezekuzzjoni ta' sentenzi definittivi tal-Qrati taghna. Dan il-principju huwa sancit ukoll taħt l-provvediment konstituzzjonali u konvenzjonali ghad-dritt ghas-smigh xieraq. Huwa kollorarju tad-dritt ghas-smigh xieraq li l-sentenzi ghandhom jigu ezegwiti minghajr xkiel.*

38. *Ladarba l-esponent huwa munit b'titolu ezekuttiv ottjenut minn din l-istess Qorti, ghandu jsegwi illi l-istess ghandu jithalla jezegwixxi t-titolu ezekuttiv tieghu skont il-mezzi li taghtih il-ligi. Huwa dak li sar permezz tal-proceduri ghall-bejgh tal-*

*bastiment. Dawk il-proceduri huma kkaratterizzati b'rispett shih ghad-dritt ta' smiegh xieraq ta' kull parti interessata, inkluz tas-sidien tal-bastiment li kif intqal nghataw smiegh shih u xieraq. Ghalhekk u gjaladarba hemm sentenza li ghaddiet in gudikat, dik is-sentenza ghandha favuriha l-preżunzjoni li kull ma wassal ghaliha sar rite et recte. Is-semplici allegazjoni ta' ksur ta' dritt ta' smiegh xieraq jew ta' xi dritt fundamentali iehor ma jammontax ghal xi jedd prima facie jistax iwaqqaf, bhala regola, l-ezekuzzjoni ta' sentenza li ghaddiet in gudikat, ghax altrimenti tkun haga mill-aktar facli ghal min irid jistultifika l-effett tar-res judicata li, ezawriti l-proceduri kollha skont il-ligi ordinarja (inkluz fil-kaz ta' kawza civili, dak ta' ritrattazzjoni, gja fih innifsu rimedju straordinarju) jallega xi ksur ta' dritt fundadamentali. Haga bhal din iggib dizordni shiha fis-sistema legali u gudizzjarja u taghti lok ghal abbuz, bi hsara ta' min ikollu favurih sentenza tal-Qorti, b'awment ta' litigju li zgur il-Qrati taghna m'ghandhomx bzonnu.*

39. *Illi l-kaz li ghandha quddiemha din il-Qorti m'huwiex xi kaz eccezzjonali li jista' b'xi mod jimmerita xi forma ta' rimedju effettiv u eccezzjonali aktar u aktar meta wiehed iqis il-fatt illi l-bejgh tal-bastiment ser isir kif ordnat mill-Qorti versu hlas ta' prezz ragjonevoli, kif ikkostat mill-istess Qorti u fuq kollox l-istess rikavat mill-bejgh tal-bastiment ser jigi depozitat taht l-awtorita' ta' dina l-Qorti biex sussegwentement kull kreditur interessat jikkonkorri fuq dak l-istess rikavat. Wiehed jassumi (dato ma non concesso)illi f'din l-eventwalita l-istess socjeta rikorrenti ser tippartecipa fil-konkors tal-krédituri jekk tippretendi illi hija ukoll ghandha dritt li tivvanta kreditu fuq dak l-istess rikavat. B'hekk il-bejgh tal-bastiment fih innifsu mhuwiex ser ikun leziv b'mod irrimedjabbli bil-konsegwenza illi m'huwiex mehtieg il-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni kif qed jigi propost mir-rikorrenti.*

*Illi ghar-ragunijiet kollha hawn fuq esposti, l-esponenti jitolbu umilment illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talba tar-rikorrent bl-ispejjez.*

Rat id-dokumenti kollha ppreżentati.

Rat il-verbal tas-seduta miżmuma fl-10 ta' Jannar 2025.

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-abbli difensuri tal-partijiet fl-udjenza miżmuma u rat illi r-Rikors tħalla għal provvediment *in camera*, kif qed isir illum.

**Ikkunsidrat**:

Illi skont l-**Artikolu 873(1) tal-Kap12** tal-Liġijiet ta' Malta, l-iskop ta' Mandat ta' Inibizzjoni huwa dak li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat.

Issa skont l-**Artikolu 873(2) tal-Kap 12**, il-Qorti m`għandhiex toħrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieg sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent '*prima facie*' jidher li għandu dawk il-jeddijiet.

Fil-fatt mill-Artikolu 873(2), joħorġu żewġ elementi li r-rikorrent irid jissodisfa:

1) fl-ewwel lok, irid juri li l-mandat huwa meħtieg sabiex jitħarsu jeddijiet li qed jippretendi li għandu; u

2) fit-tieni lok, irid jipprova li *prima facie* għandu dawn il-jeddijiet.

Appuntu dwar il-prova *prima facie* tal-jeddijiet, il-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha fil-kawża **Grech pro et noe vs Manfre`**[2] qalet hekk:

> *... huwa rekwizit oggettiv u mhux soggettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-gudikant, jew il-jeddijiet jidhru 'prima facie', ma' l-ewwel daqqa t'ghajn, jew ma jidhru xejn, ghall-finijiet tal-hrug tal-mandat.*

L-elementi li jwasslu għall-ħruġ tal-Mandat huma kumulattivi u mhux alternattivi. Li allura jfisser illi jekk xi wieħed mill-elementi ma jirriżultax, il-Qorti hija obbligata tiċħad it-talba għall-ħruġ tal-Mandat mitlub. Huwa ukoll riaffermat li l-proċedura tal-lum hija maħsuba biex tkun waħda sommarja.

Il-fatt illi tintlaqa` talba għall-ħruġ tal-Mandat, m`għandux ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Kif daqstant ieħor m`għandux ifisser li jekk il-ħrug tal-Mandat ikun miċħud, allura l-jedd pretiż ma jeżistix. Unikament għall-fini tal-akkoljiment o meno tat-talba, mhux kompitu ta` din il-Qorti li tqis il-pretensjonijiet tal-partijiet fil-mertu.

Ħadd mill-partijiet ma jista` jew m`għandu jippretendi li mad-"*daqqa t`ghajn*" għandha tkun propju din il-Qorti li tiddeċiedi hi l-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet bil-proċedura speċjali u partikolari tal-Mandat ta` Inibizzjoni.

Finalment irid jiġi preċiżat ukoll illi l-Mandat ta` Inibizzjoni huwa mezz proċedurali eċċezzjonali. Għalhekk ma jistax ikun hemm il-ħruġ tal-Mandat jekk il-ħsara li minnha r-rikorrent ikun qiegħed jilmenta tkun tista` tiġi rimedjata mod ieħor.

Dan kollu qed jingħad sabiex il-kontendenti jifhmu li l-mansjoni ta' din il-Qorti mhuwiex li tiddeċiedi finalment dwar il-pretensjonijiet tagħhom fil-mertu iżda

[2] 14 ta` Lulju 1988, (Kollez. Vol. LXXII.II.290)

huwa limitat u ċirkoskritt biex tara jekk huwiex sodisfatt dak li trid il-liġi sabiex ikun operattiv Mandat ta` Inibizzjoni.

**Ikkunsidrat Ulterjorment**:

Illi bir-rikors odjern, ir-rikorrent noe qed jitlob lill-Qorti sabiex iżżomm il-bejgħ privat tal-bastiment "**MSC Valencia**" (IMO 9301471) sakemm jiġu deċiżi l-proċeduri kostituzzjonali fl-ismijiet **Dr Nicholas Valenzia noe. vs Avukat tal-Istat, bin-numru 553/2024MH** u milli jagħmlu kwalsiasi att li jikkonduċi għall-istess bejgħ.

Issa, jirriżulta illi dawn il-proċeduri quddiem il-Qorti Ċivili, Prim Awla Sede Kostituzzjonali, nibbtu u nġiebu l-quddiem wara illi l-Qorti Ċivili awtorizzat u ordnat il-bejgħ privat tal-bastiment "MSC Valencia" fuq imsemmi, liema awtorizzazzjoni u ordni ngħatat mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili b'digriet tas-27 ta' Diċembru 2024 għar-rikors numru 1258/2024. Irid jingħad ukoll illi din il-proċedura illi wasslet għal dan id-digriet saret wara illi s-soċjeta' hawnhekk intimata North by Northwest GmbH kienet otteniet titolu eżekuttiv fil-konfront tal-bastiment msemmi wara illi l-proċeduri 1268/2023/1MH fl-ismijiet North by NorthWest GmbH vs il-Bastiment "MSC Valencia" (IMO 9301471) kienu deċiżi b'mod definittiv mill-Qorti tal-Appell fit-3 ta' Ottubru 2024 u in segwitu ukoll għall-Mandat ta' Arrest tal-istess vapur li kien ottenut bin-numru 2037/2023, u li minn wieħed kawtelaotjru kien konvertit għal wieħed eżekuttiv – kollox skond il-liġijiet viġenti.

Jirriżulta mill-atti ukoll u minn dak li tiegħu din il-Qorti ħadet konjizzjoni, illi fil-kawża kostituzzjonali, sid il-bastiment qiegħed jilmenta minn ksur tad-dritt fondamentali tiegħu għall-propjeta' u possediment bil-proċedura meħuda bir-rikors 1258/2024 li wasslet għall-ordni tal-bejgħ tal-bastiment, u kif ukoll minn ksur ta' dritt fondamentali ieħor, dak ta' nuqqas ta' smiegħ xieraq, fir-rigward tal-proċeduri illi wasslu għat-titolu eżekuttiv u li a bażi tiegħu ttieħdet mbagħad l-azzjoni appena msemmija. Sid il-bastiment qed jitlob dikjarazzjoni tal-Qorti Kostituzzjonali illi l-Artikolu 358 et seq tal-KAP 12 huma leżivi tad-drittijiet fondamentali tiegħu u konsegwenament qed jitlob għad-danni u kwalsiasi rimedju iehor illi l-Qorti Kostituzzjonali jidhrilha xieraq.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi din il-Qorti ċertament illi mhix ser tidħol fil-mertu tal-lanjanzi kostituzzjonali mressqa minn sid il-bastiment għaliex dak huwa l-mertu tal-kawża li hemm pendenti.

Li qed tagħmel din il-Qorti pero' huwa illi tieħu nota tal-fatt illi sabiex l-hawnhekk soċjeta' intimata North by Northwest GmbH otteniet titolu eżekuttiv, hija għaddiet mill-għarbiel ġudizzjajru relattiv sħiħ, mhux lanqas minn żewġ istanzi (l-ewwel istanza u l-Appell) u ulterjorment, illi, ukoll sabiex otteniet l-awtorizzazzjoni għall-bejgħ tal-bastiment, għaddiet mill-proċedura ġudizzjajra relattiva, u għalhekk, fuq livell *prima facie* ċertament illi din il-Qorti ma tistax ħlief li tikkonkludi illi ma jirriżulta xejn irregolari (fis-sens ta' kontra l-liġi kif inhi) fil-proċeduri meħuda kollha li wasslu għall-eżitu finali kkontestat quddiem il-Qorti Kostituzzjonali.

Illi dan qed jingħad peress illi l-Qorti qed tabbraċċja dak li jingħad mill-intimati jew min minnhom, fis-sens illi din il-Qorti tqis illi eżekuzzjoni ta' sentenza definittiva ma għandhiex titwaqqaf b'mod leġġer peress illi jekk isir hekk, allura tkun qed issir ħsara lill-process ġudizzjajru fl-intier tiegħu. Fil-kuntest ta' proċedura bħal din, il-Qorti tqis illi l-eżekuzzjoni tas-sentenza definittiva tal-Qorti tal-Appell tat-3 ta' Ottubru 2024 ma għandhiex titnaffar b'mod leġġer, anzi, fl-interess tal-ġustizzja, fl-interess tar-*res ġudikata*, huwa mportanti illi l-eżekuzzjoni ta' sentenza tingħata effett mingħajr dewmien.

Huwa inkonċepibbli illi sentenza li tkun għaddiet in ġudikat issib ruħa staġnata għaliex b'mod leġġer, ħafif u malajr, jintlaqa' Mandat ta' Inibizzjoni biex tinżamm appuntu l-eżekuzzjoni ta' sentenza tal-Qorti.

Dik tkun sitwazzjoni fejn il-Qrati stess jkunu qed jimminaw l-awtorita' ġudizzjajra tagħhom – u din il-Qorti thoss illi dak ma għandux jkun sakemm ma jkunx hemm estremi għalhekk.

F'dan is-sens din il-Qorti tabbraċċja dak li qalet il-Qorti Kostituzzjonali fid-deċiżjoni tagħha **Paul Demicoli vs Avukat Ġenerali, Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat tal-Istat** tat-8 ta' Awissu 2023, meta qalet hekk:

> *Bħala regola sentenzi ta' qrati oħra li jkunu ġudikat m'għandhomx jinġiebu fix-xejn proviżorjament, sempliċement għaliex persuna tiftaħ kawża u tilmenta minn ksur ta' jedd fundamentali għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli.*

Fuq kollox, kif diversi drabi ngħad mill-Qrati tagħna,

*Illi l-mandat ma jistax jinħareġ biex iżomm persuna milli tagħmel dak li l-liġi tobbligaha jew tagħtiha s-setgħa illi tagħmel, ukoll jekk dak l-għemil jista' jġib xi ħsara jew skomdu lill-persuna milquta b'għemil bħal dak. Kif imtenni mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fid-digriet tagħha tat-18 ta' Lulju 2008,* ***Dr. John Gauci noe vs Direttur tal-Kuntratti****,*

*"Ir-rabta ta' Mandat ta' Inibizzjoni m'għandhiex tintuża bħala arma ta' theddid jew ġegħil (arm twisting) lill-parti intimata li, jew tagħmel dak li tixtieq il-parti rikorrenti jew ma tagħmel xejn. B'dan il-mod, il-mandat ma jibqax għodda li tħares il-jedd prima facie tal-parti rikorrenti, imma ssir sarima li żżomm lill-parti intimata milli tgawdi l-jeddijiet tagħha. Il-Qorti hija tal-fehma li qatt ma kienet ir-rieda tal-liġi li l-Mandat ta' Inibizzjoni jinbidel f'arma bħal din".*

### Ikkunsidrat Ulterjorment:

Illi l-Qorti trid ukoll tagħmel żewġ osservazzjonijiet oħra, speċifikatament marbuta mas-setgħat tal-Qorti Ċivili Sede Kostituzzjonali, li tħoss illi huma rilevanti għall-każ odjern, kif ser jiġi spjegat.

Fl-ewwel lok, illi huwa paċifiku jingħad illi ma jirriżultax illi l-hawnekk rikorrent, sid tal-vapur, ressaq rikors fil-proċeduri kostituzzjonali minnu mressqa sabiex jittenta jottjeni miżura interim. Għall-finijiet ta' dawn il-proċeduri, mhux tant importanti kemm hu faċli jew diffiċili illi Qorti ta' kompetenza kostituzzjonali tagħti u takkolji miżura interim, imma huwa mporanti l-fatt innifsu illi r-rikorrent naqas milli jittenta jagħmel dan.

Dan qed jingħad peress illi l-proċedura ta' Mandat ta' Inibizzjoni ai termini tal-Artikolu 873 tal-KAP 12, kif jingħad aktar il-fuq, hija proċedura eċċezzjonali u għanda tittieħed meta ma jkunx hemm proċeduri oħra disponibbli lir-rikorrent sabiex jittenta jikkawtela l-pretensjonijiet tiegħu.

Il-fatt illi s-sid tal-bastiment rikorrent naqas milli jitlob miżura interim fil-proċedura kostituzzjonali minnu stess imressqa, tmur, fil-fehma ta' din il-Qorti, sabiex timmilita kontra tiegħu f'dawn il-proċeduri – peress illi naqas milli jittenta l-azzjoni propiżja u idoneja fic-ċirkostanzi, naqas milli jeżerċita azzjoni li kienet lilu spettanti u minflok irrikorra għal din l-azzjoni eċċezzjonali.

Fit-tieni lok u f'dan il-kuntest ukoll, il-Qorti tqis, moqri l-**Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta**, li tgħid testwalment hekk:

*tista' tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqasabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq ta' kull waħda*

> *mid-disposizzjonijiet tal-imsemmija artikoli 33 sa 45 (magħdudin) li għall-protezzjoni tagħhom tkun intitolata dik il-persuna*

li Qorti Kostituzzjonali għandha poteri wiesgħa biex twieżen lir-rikorrenti sid tal-bastiment f'każ u f'eventwalita' illi ssib illi l-lanjanzi tiegħu għandhom mis-sewwa wara li tagħmel l-apprezzament approfondit mistenni. U dan huwa ben rikonoxxut mill-istess rikorrent, meta fit-talbiet tiegħu lil dik il-Qorti huwa talab illi jingħata <u>kull rimedju</u> li dik il-Qorti tħoss xieraq u opportun.

Il-Qorti għalhekk ma tħossx illi r-rikorrenti kellu jirrikorri għal din il-proċedura eċċezzjonali, u għall-konsiderazzjonijiet hawn fuq magħmula, din il-Qorti mhux biss tqis illi r-rikorrent ma ppruvax fil-grad li trid il-liġi l-jedd prima facie tiegħu, iżda wkoll illi ma thossx illi fil-każ in ezami tista' tikkonkludi illi r-rikorrent, sid il-bastiment, għandu mis-sewwa meta ressaq il-quddiem ir-rikors għal ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni, u għalhekk sejra tgħaddi biex tiċħad it-talba filwaqt illi tqis illi ma hemmx neċessita' illi tqis sottomissjonijiet jew elementi oħra.

**GĦALDAQSTANT**, għar-raġunijiet kollha premessi, din il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi :

(a) **tirrevoka** *contrario imperio* d-digriet tagħha tas-27 ta' Diċembru 2024 safejn il-Mandat kien milqugħ b'mod provvizorju, u

(b) **tiċħad** it-talba għall-ħruġ tal-Mandat b'mod definittiv.

Spejjeż ta' din il-proċedura a karigu tar-rikorrenti noe.

**Mogħti *in camera*, illum, l-Erbgħa, 15 ta' Jannar, 2025.**

**Ian Spiteri Bailey**
**Onor. Imħallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Reġistratur**